**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikolu 48A tal-Kapitolu 9;**
**Artikoli 5(2), 15, 20 u 51 (4) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;**
**Avviz Legali 206/2015;**
**Artikolu 34 (C) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 480.02**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)**

*Kumpilazzjoni Nru: 942/2013*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rennie Stivala)**

**vs**

**MICHAEL AZZOPARDI**
**(ID: 730558M)**

**Illum, 14 ta' Dicembru 2017**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **Michael Azzopardi**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 730558M gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'Awwissu 2012 u qabel, f'dawn il-Gzejjer;

1. assocja ruhu ma' xi persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jesporta l-ammont ta' aktar minn 100,000 skratocc 12 gauge fil-Libja minghajr licenzja ghall-esportazzjoni tal-istess skratac;

2. filwaqt li ghandu licenzja mahruga taht l-Att dwar l-Armi bhala negozjant, naqas li jzomm registru b'inventarju ta' kull arma tan-nar u munizzjon u ta' kull darba li jircievi jew inehhi, taht liema titolu jkun, xi arma tan-nar jew munizzjon ghal-liema raguni tkun, hu obbligat inizzel dan il-fatt billi jispecifika:

   (a) l-isem, il-kunjom, in-numru tal-karta ta' l-identita', x'ikun ix-xoghol u l-post ta' residenza tal-persuna li minn ghandha jkun ricieva l-armi regolari jew munizzjon jew lil min dawn ikunu ser jigu kkunsinnati;

   (b) l-ghadd jew il-kwantita' ta' armi regolari jew munizzjon u d-data meta jircevihom jew inehhihom;

   (c) in-numru tal-licenzja li jkollha l-persuna li lilha jigu trasferiti l-arma regolari jew il-munizzjon;

3. talli bhala negozjant, trasfera jew ikkunsinna taht kwalunkwe titolu li jkun, munizzjon lil xi persuna li ma kellhiex licenzja tal-Kummissarju ghal dik l-arma regolari jew munizzjon skond l-Att dwar l-Armi;

4. talli hazen jew zamm ghandu ammont ta' aktar minn tnax-il elf balla bhala munizzjon, bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-licenzja tieghu ta' negozjant tal-armi u munizzjon;

5. talli bhala cittadin Malti ghamel negozju ma' entitajiet inkorporati fil-Jamahirija Gharbija Libjana, jew li jkunu suggetti ghall-gurisdizzjoni tal-Jamaharija Gharbija Libjana, u ma' persuni jew entitajiet li jagixxu f'isimhom jew fuq ordni taghhom, u ma' entitajiet li jkunu jappartjenu lilhom jew huma kontrollati minnhom, meta seta' ikun jaf jew issuspetta li dak in-negozju seta' jikkontribwixxi ghall-vjolenza u ghall-uzu tal-forza kontra l-popolazzjoni civili.

6. Biegh, ipprovda jew ghamel trasferiment, direttament jew indirettament lill-Jamahirija Gharbija Libjana minn Malta, jew bhala cittadin Malti, jew billi uza bastimenti jew ingenji tal-ajru registrati taht il-bandiera ta' Malta, jew bhala cittadin Malti, jew billi uza bastimenti jew ingenji tal-ajru rregistrati taht il-bandiera ta' Malta, kemm jekk joriginaw mit-territorju Malti u kemm jekk le, armi u taghmir relatat ta' kull tip, inkluzi armi u munizzjon, vetturi u taghmir militari, taghmir paramilitari, u spare parts ghalihom;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li joghgobha tordna r-revoka tal-Licenzji li l-imputat ghandu taht Kapitolu 480 u l-Legislazzjoni Sussidjarja 480.02, ai sensi tal-artikolu 24(1) ta' Kap. 480.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom estratt mill-att tat-twelid a fol. 3, fedina penali a fol. 4 u 5 rispettivament u stqarrija li tinsab a fol. 6 et sequitur tal-Process.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April, 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru, 2014.

Illi nhar il-31 t'Ottubru, 2013 xehed **Robert Bugeja** u spjega li ghan-nom tar-Registratur tal-Qrati kien qieghed jesebixxi nota tal-Avukat Generali flimkien man-nota tal-Kummisarju tal-Pulizija u Proces Verbal redatt mill-Magistrat Inkwerenti Dr. Giovanni Grixti rigwardanti inkjesta dwar sejba ta' monizzjon mill-ufficjali tad-Dwana nhar l-erbatax (14) ta' Awwissu, 2012. Dina n-nota tal-Avukat Generali kif ukoll in-nota tal-Kummisarju tal-Pulizija u l-imsemmi Proces Verbal gew esebiti bhala Dok.RB1.

Illi nhar il-31 t'Ottubru, 2013 xehdu l-**Brigadier Maurice Calleja** u **PS 263 Christopher Harmsworth** u spjegaw li huma kienu gew nominati bhala eseprti tal-ballistika u seduta stante pprezentaw rapport kongunt bin-nomina taghhom moghtija lilhom mill-allura Magistrat Inkwerenti Dr. Giovanni Grixti rigwardanti nkjesta dwar sejba ta' ammonizzjoni li kienu mohbija go *pallets* u li nstabu fil-JNT Transport tal-Handaq, fl-erbatax (14) ta' Awwissu, 2012. Din ir-relazzjoni kongunta giet mmarkata bhala Dok.BMC1.

Illi nhar il-31 t'Ottubru, 2013 xehed **Ian Muscat** u mistoqsi fejn jahdem u x'inhi l-kariga tieghu spjega li huwa Senior Inspector id-Dwana u qieghed *in charge* mill-Nonproliferation Unit. Spjega li fl-erbatax (14) ta' Awwissu tal-2012, huwa kien involut flimkien mal-pulizija f'operazzjoni u dan wara li dakinhar stess filghodu s-superjur tieghu talbu jinvestiga rapport li dahallu dwar lanca Triva 1 fejn allegatment kellu jkun hemm ammont ta' skratac u li ha jkunu *cover loaded* b'xi xorb u gie mgharraf li dawn kellhom jigu esportati

lejn il-Libja. L-ewwel haga li ccekjaw kienx hemm xi *export documents* ghal dawn l-affarijiet ghall-Libja pero' ma kienx hemm. Minn hemmhekk nizlu fuq il-lanca biex jaraw jekk ghandux xi *cargo* abbord. Iccekjaw ma' min kien qieghed *in charge* mill-lanca dakinhar u qalilhom qed jistennew xi *container* bis-sigaretti pero' nnotaw li ma kellu xejn abbord. Biex jivverifikaw ulterjorment telghu abbord u ghamlu spezzjoni gewwa l-lanca u ma sabu xejn jigifieri bhala *cargo* ma kien hemm xejn xejn. Minn hemmhekk marru d-dwana u regghu ccekjaw jekk dahlux xi *export declarations* ghal-Libja u sabu li dahlet wahda ghall-ammont ta' xorb u *toiletries* bhal *shampoos*. Din kienet ha tigi esportata minn Agius Services u x-xoghol kellu jitghabba fil-*container* f'post gewwa l-Handaq, Hal-Qormi. Intalbu li jkun hemm ukoll fizzjal normali tad-dwana biex jissupervajza l-*loading* tal-*container* ta' dawn l-affarjiet u marru fuq il-post.

Il-post kien il-*yard* ta' JNT Transport gewwa tal-Handaq. Meta kienu hemm kien hemm il-Fizzjala Simone Pace u qaltilhom li kienu ghadhom kif bdew jghabbu l-*container* u fil-fatt kull ma kien hemm fil-*container* kien hemm zewg *pallets* billi kienu jidhru li kienu *cans* tar-Red Bull fi *shrink wrap*. Fil-*container* ukoll dak il-hin tghabba t-tielet *pallet* li kien beda jigi *dismantled*, jigifieri tghabba shih imbaghad beda jigi *dismantled* biex il-*cans* jitghabbew fuq l-ispazju vojt li kien hemm fuq iz-zewg *pallets* li kien hemm diga' fil-*container*. Dan kien il-mod kif kien qed jitghabba l-*container* u kien jidher car li l-hsieb originali taghhom kien li kellu ikun hemm dak li jghidulu *cover load* jigifieri jkun hemm xi haga li hi projbita' jew illegali li ha tkun *covered* b'xi haga ohra quddiemha.

Allura ddecidew li jifthu *pallet* wahda li kien hemm mill-*pallets* l-ohra li kienu gol-*container* u qalghu xi *cans* tar-Red Bull biex jaraw jekk hemmx xi

haga *concealed within*. Meta qalghu xi zewg *trays* dehru kaxxi differenti fic-centru tal-*pallet* li kienu kaxxi tal-kartun li kienu jidhru ta' xi skratac. Qattghu l-kaxxa u hargu l-*internals* u l-*internals* kienu skratac. Immedjatament waqqaf ix-xoghol u nfurma lis-superjur x'gara. Dan qallu biex iwaqqaf kollox u ma jkomplix. F'xi hin wara marret iktar assistenza minghand shabu u marru ukoll membri tal-pulizija. Dak il-hin raw x'kien ghad fadal fil-warehouse taghhom u nnutaw li kien hemm ammont ta' *pallets* li kienu harira ikbar mill-ohrajn. Bdew jifthu miz-zaqq tal-*pallet* u nnutaw f'ammont ta' *pallets,* li kienu naqra iktar gholjin mill-ohrajn, li  kien hemm ukoll dawn l-iskratac go fihom fin-nofs fiz-zaqq pero' fl-ohrajn ma setghux jindunaw jekk kienx hemm jew le ghax anka kien hemm certu restrizzjoni biex tahdem. Allura d-decizjoni ttiehdet li jitghabba kollox fuq it-trakkijiet u jnizzlu kollox id-dwana. Ghabbew ix-xoghol tal-*cans* tar- Red Bull flimkien mal-*pallet* l-iehor tat-*toileteries*, tax-*shampoos* u skortaw kollox bil-pulizija lejn in-New Port Bunded Stores. Hemmhekk bdiet operazzjoni ta' *dismantling* ta' kull *pallet*. Wara li hattew kollox, tefghu r-Red Bull ghalih u l-ammont tal-iskratac tefghuhom ghalihom, cioe' isseparawhom u l-ftit *toileteries* li kien hemm ghamluhom fuq *pallets* ghalihom u storjaw kollox fil-*warehouses* tad-Dwana u hargu ricevuta tax-xoghol li zammew. Mistoqsi kemm jirrizultalu li kien hemm skratac bejn wiehed u iehor spjega li bhala ammont ta' skratac kien hemm 107525 (*one zero seven five two five*). Mistoqsi fejn inzammu spjega li nzammu n-New Port Bunded Stores.

Illi nhar il-31 t'Ottubru, 2013 xehed **Mario Galea** fejn spjega li huwa Spettur Anzjan fid-dwana u stazzjonat fl-Enforcement Unit. Spjega li fl-erbatax (14) ta' Awwissu tal-2012, huma bhala Dwana flimkien mal-pulizija kienu nvoluti f'operazzjoni.  Kellu struzzjonijiet biex imur jaghti daqqa t'id lil xi ufficjali ohra tad-dwana Hal-Qormi. Qal li kien instab xi munizzjon mohbi go *pallets*

tar-Red Bull. Huwa mar fuq il-post fil-bitha tal-burdnar JNT Transport, il-Handaq u meta mar hemm kien hemm il-kollega tieghu l-Ispettur Ian Muscat ma' ufficjali ohra tad-dwana u hemmhekk innota li kien hemm *container* bl-ittri TGHU2214755 li kien miftuh u kien qed jitghabba b'xi *pallets* biex jigi trasportat fuq il-bastiment Trivja ghall-Libja. Fih seta' jinnota is-*shrink tape* u kien hemm *pallet* li kien fiha kaxxi tar-Red Bull mahrugin minnu u fin-nofs tal-*pallet* kienu jidhru kaxxi b'munizzjon ta' skratac tad-ditta Bornagi. Barra dan il-*container* kien hemm ukoll xi *pallets* go *warehouse* fl-istess bitha u nnota li fost  l-*pallets* li kien hemm, parti minnhom kienu zghar u parti minnhom kienu akbar u n-notamenti fuq is-*shrink tape* taz-zghar kien differenti minn l-is*hrink wrap* tal-kbar.

Tenna li dak il-hin marru wkoll il-pulizija u cioe' s-Supredendent Pawlu Vassallo mill-Economic Crime Unit, l-allura spettur tal-pulizija Ian Abdilla mill-istess divizjoni, kif ukoll l-Ispettur Stivala. Wara kienu marru l-esperti tal-Qorti u s-Sur Ciliberti, l-Brigadier Maurice Calleja, membri tas-SOCO u tal-Ballistics. Peress li x-xoghol fuq l-*export form* tad-Dwana kienet tghajjat lil certu Agius Services li kien minn Ghawdex gie deciz li jitilghu Ghawdex u tela' flimkien mal-Ispettur Ian Abdilla u mas-Sur Ciliberti. Jekk mhux sejjer zball marru limiti ta' Kercem u ltqaghu mas-Sur Agius. Hemmhekk is-Sur Agius gie *interviewed* mill-espert tal-Qorti u hemmhekk  s-Sur Agius xi mistoqsi xi domandi u dan kien wiegeb nli kien ltaqa' ma' certu  Kalil Arust f'Jannar ta' qabel u li kien diga' ta xi tlett *shipments* lil dan Arust. Zied jghid li fuq it-telefon kien ordna xi kwantita' kbira ta' Red Bull biex jigu exportati lejn il-Libja. Minhabba li s-Sur Agius kien l-agent ta' Farsons dan iddecieda li x-xoghol jigi migbur minghand Farsons hawn Malta u jigi mehud fil-bitha tal-burdnar biex jigi mghobbi fil-*container* hemmhekk. Is-Sur Agius zied li l-burdnar kien infurmah li l-vapur kien lahaq telaq u ma setghax jesporta x-

*shipment* l-imsemmija. Ghalhekk is-*shipment* kienet giet ghand JNT Transport tal-Handaq, Qormi biex tigi exportata fuq Trivja 1.

Meta gie mistoqsi dwar il-kaxxi dakinhar kien wiegeb fin-negattiv. Wara, ix-xoghol gie mehud fil-warehouses tad-Dwana u meta kienu nizlu lura Malta filghaxija kien sab li x-xoghol kien diga' fil-Ware Houses taghhom u xi jiem wara kien mar ghand is-Sur Azzopardi biex jindaga dwar il-prezzijiet tal-iskratac. Mistoqsi jekk lil dan Azzopardi jaghrfux fl-Awla, spjega li iva u ndika lill-imputat. Meta mar hemm jiftakar l-ewwel ma kellem kien lit-tifla tieghu u dan wara li ntroducew ruhhom li huma mid-Dwana mbaghad kienet cemplet lil missierha u mar missierha. Huma dan l-ezercizzju kienu ghamluh biex igibu l-prezzijiet biex ikunu jistghu johorgu n-nota tal-qbid min-naha tad-Dwana, biex igibu l-prezzijiet attwali. Fil-fatt is-Sur Azzopardi kien ipprovdielu lista bil-prezzijiet tal-iskratac bis-*sizes* u bil-Calibere. Huwa pprezenta din il-lista li giet mmarkata bhala Dok.GM1. Mistoqsi fuq x'hiex kellem lis-Sur Azzopardi spjega li kien staqsih jekk fuq l-iskratac li huma kienu zammew id-Dwana kellux ircevuta. Fil-fatt l-ircevuta kien ipprovdihielu.

Ix-xhud stqarr li is-sur Agius kien qallu li ghandu din l-ircevuta tal-VAT imma isem lil min kien bieghha mhux imnizzel u x-xhud ma jidirlux li kien qallu lil min. Huwa pprezenta dan id-dokument li gie mmarkat bhala Dok GM2. Mistoqsi x'kien qallu izjed Agius wiegeb li ma jiftakarx, li ma kien qallu xejn iktar pero' ftakar li kienu nizlu b'dawk l-iskratac id-Dwana. Spjega li meta gie mistoqsi mill-Espert tal-Qorti, s-Sur Agius kien semma' li kien gja baghat xi tlett *shipments* lil Mr. Arust pero' ma kienx qalilhom x'kien fihom.

Mistoqsi jiftakarx li dakinhar kinitx dahlet xi telefonata lill-Ispettur Abdilla wiegeb li iva u qal li ghall-ewwel kien qed jigi mitkellem mill-iSpettur Ian Abdilla imma mbaghad ircieva telefonata minn Malta u qallu li dak il-hin is-Sur Agius kien arrestat u beda jinterrogah is-Sur Ciliberti, espert nominat fl-inkjesta.

Illi nhar il-31 ta' Ottubru, 2013 xehed **Lieutenant Matthew Sant** u kkonferma li hu stazzjonat fil-Fortizzi tal-Mosta fejn hemmhekk jahznu l-iskratac u l-porvli li jidhol kollu go Malta. Mistoqsi jekk gewx mitluba mill-pulizija biex jaghmlu xi ricerka rigward persuna partikolari wiegeb fl-affermattiv u qal li d-domanda kienet saret fuq il-persuna ta' Michael Azzopardi li huwa maghruf bhala sid il-hanut ta' Guns and Cartridge Dealer, ir-Rabat. Mistoqsi jekk ghandux I.D.Card tieghu wiegeb li m'ghandux. Stqarr illi huwa kien ltaqa' ma' din il-persuna u cioe'l-imputat prezenti l-Qorti diversi drabi fuq xoghol. Jghid li huma kienu gew mitluba jifnormaw lill-pulizija kemm kien ha xoghol minghandhom l-imputat. Qal huwa ghamel rendikont fis-sena 2012 ta' x'kien ingabar bhala xoghol sa Awwissu 2012. Spjega li ma setghux jingabru aktar minn tmienja u erbghin (48) kaxxa *at one time*. Jigifieri min imur ghandhom il-Mosta minkejja li ikun kopert bil-permessi, ma jkunx jista' jirtira aktar minn tmienja u erbghin (48) kaxxa pero' jista jaghmel aktar minn vizita wahda fl-istess jum. Jigifieri jekk jerga' jmur il-Mosta saghtejn jew tlett sieghat wara, jista' jerga' jiehu tmienja u erbghin (48) kaxxa ohra, li Micheal Azzopardi dejjem hekk ghamel. Li rrizulta forsi mir-ricerka li ghamlu pero' li bejn Lulju u Awwissu ngabret daqsxejn iktar kwota mis-soltu. Mistoqsi x'irrizultalu b'referenza ghas-sebgha (7) u t-tmienja (8) ta' Awwissu tal-2012 stqarr li kienu ngabru c-cifri kemm kemm iktar gholjin mis-soltu. Huwa esebixxa *email* fejn hemm indikat x'ittiehed xahar b'xahar. Jghid li hemm kemm it timbru kif ukoll l-isem tal-persuna li qed tigbor ix-

xoghol dak il-hin. Huwa esebixxa d-dokumenti MSF1 u MSF2 u MSF3 li huma l-*emails* bit-total migbur biex jaghti rendikont ta' dawk ix-xahrejn.

Illi nhar il-11 ta' Dicembru, 2013 xehed **John Abela** fejn gie mistoqsi jekk fis-sitta (6) ta' Awwissu, 2012 il-pulizija kienux kellmuh fuq xi haga partikolari u jekk fl-affermattiv jistax jispjega lil din il-Qorti fuq xiex kellmuh u x'kien l-kontenut tad-diskursata. Qal li kien kellmu xi hadd biex jghabbilu *container* bir-Red Bull u xi hadd hadlu x-xoghol fil-bitha tieghu ghax huwa jaghmel ix-xoghol ta' burdnar. Mistoqsi min hu dan ix-xi hadd li kellmu biex jghabbilu l-container spjega li kien xi hadd Ghawdxi li ismu ma jiftakrux ezatt. Jghid li kien ghamel kuntatt mieghu telefonikament. Zied ighid li kien hadlu ghoxrin *pallet* tar-Red Bull biex jghabbilu fil-*container* u mbaghad xi jumejn wara jiftakar li qallu li kellu xi tlett *pallets* ohra b'xi affarijiet ohra, staqsih jekk joqghodux fil-*container* u appena qallu iva dan hadhomlu fil-garaxx.

Mistoqsi x'qallu li kien ix-xoghol tal-*pallets* l-ohra x-xhud qal li ma kienx staqsieh u dan ma qallux x'kienu l-affarijiet. Qallu li kienu xi *pallets* biss. Gie mistoqsi sempliciment jekk joqghodux. Imbaghad spjega li xi hadd kien cempillu wara xi jumejn certu Michael u qallu li ghandu xi xoghol biex ix-xhud jurih fejn hu l-post u dan hadlu xi tlett *pallets* gol-garaxx u wara xi jumejn jiftakar mar wiehed mill-impjegati tieghu. Spjega li ma kienx jaf x'fihom it- tlett (3) *pallets* u x-xhud staqsih x'inhuma u l-iehor qallu li ma jafx x'inhuma u hallihom hemm gol-garaxx biex imbaghad jghabbihom fil-*container*. Mistoqsi fejn kellu jmur il-*container* spjega li skond dak li kien cempillu dawn kellhom imorru lejn il-Libja. Mistoqsi jekk jaghrafx lil Michael huwa indika lill-imputat. Mistoqsi x'ghamel dan meta mar ghandu l-imputat spjega li nizzilhom ghandu mbaghad telaq, iffirma xi karta u telaq.

Mistoqsi kemm-il darba mar spjega li mar darbtejn ghax zewg konsenji kellu. Mistoqsi x'kellu jkun is-sehem tieghu fiha din il-bicca xoghol u x'inhu xogholu spjega li xogholu kien li jnizzilhom minn fuq il-van tieghu mbaghad meta jasal l-*container* vojt, ghax il-*container* kienu ghadu ma wasalx, dan jghabbilu l-ghoxrin (20) *pallet* bir-Red Bull u dawn it-tlett *pallets* li kien hadlu. Imbaghad wara ftit, wara xi gurnata jew jumejn, wiehed mill-impjegati tax-xhud, ghax huwa m'huwiex dilettant tal-insib u lanqas tal-kacca qallu li dawk kienu skratac, u x-xhud qal li dawk kienu perikoluzi u l-impjegat wiegbu li jkun ahjar jekk johorguhom ‘l barra. Ix-xhud ddikjara li kien qal lill-impjegat tieghu li la jcempillu dan l-Ghawdxi kien ser jghidlu biex imur johodhomlu minn hemm ghax nkellha jitfaghhomlu barra t-triq. Imbaghad cempillu s-Sinjur ta' Ghawdex li ma jafx min hu ezatt u qallu li kien sejjer xi hadd ghalihom u ha l-pallettes li hadlu l-imputat u l-pallettes tar-red bull minn hemm u sa fejn jaf hu l-istorja spiccat hemm imbaghad ma jafx x'gara iktar.

Mistoqsi jekk kienx hemm meta gew ghalihom spjega li hemm kien. Mistoqsi jekk jafx min mar ghalihom spjega li kienu rapprezentanti tas-socjeta’ JNT Transport, ix-Xandarett. Mistoqsi min kienet il-persuna ighid li ma jafx x'jismu. Ix-xhud iddikjara li bhala xoghol, hu kien ftehem mal-Ghawdxi li jghabbilu ghoxrin (20) *pallets* Red Bull. Mistoqsi jekk imbaghad zdiedlu xi xoghol spjega li iva mbaghad cempillu l-Ghawdxi qallu li kellu tlett (3) *pallets* ohra u staqsih jekk joqghodux gol-*container.*

Illi nhar il-11 ta’ Dicembru, 2013 xehdet **Simone Pace** u qalet li hija Principal tahdem id-Dwana u spjegat x'kienet l-operazzjoni u l-involviment taghha nhar l-erbatax (14) ta' Awwissu, tal-2012 fejn kienu nvoluti flimkien mal-pulizija f'operazzjoni tad-Dwana u stqarret li dik il-gurnata giet mitluba

biex tezamina *container* li kien sejjer il-Libja. Qalet li dakinhar kellha tmur tezamina *container* fuq il-post fejn kien, liema container kien sejjer il-Libja, tarah, ticcekja li jaqbel mad-dokumenti li pprezenta t-*trader* u wara tissigillah. Iccekjat id-dokumenti u l-fattura li kienet ipprezentata u d-dokumenti li kienu jaqblu, ikkonfermat li l-fattura kienet taqbel mad-dokument tad-Dwana li kienet ipprezentata. Spjegat li hi marret fuq il-post u dan gewwa l-yard tas-socjeta l-JNT, tal-Handaq. Il-*container* kien ghadu vojt, pero' kien hemm l-affarijiet fil-bitha lesti biex jigi mimli. Dan suppost li kien fih Red Bull Energy Drink u xi ftit kartun *toileteries* bhal sapun, *detergents* u *deodorant*. Sadanittant marru hemmhekk ukoll zewg kollegi taghha li jahdmu f'sezzjoni ohra tad-Dwana tal-Ompropheration u kif tellghu t-tielet *pallet* li kien bir-Red Bull tela' ukoll kollega taghha Ian Muscat fuq il-*platform* u dahal gewwa fejn kienu propja qed idefsu l-*pallets* tar-Red Bull.

Qalet li wara ftit mar b'kaxxa f'idejh u qallha 'hawn l-iskratac'. Dak l-hin waqqfet l-operazzjoni kollha, cemplu lil kollegi l-ohra fosthom tal-Enforcement Unit tad-Dwana u wara cemplu ukoll lill-pulizija. Huma nizlu x-xoghol kollu ta' din il-konsenja li kellha tidhol gol-*container*, nizluha Newport Bonded Stores u hemmhekk infethu l-*pallets* kollha. Dak il-hin fil-post iccejkaw il-kaxxi u vverifikaw x'kien fihom. Il-ftit kaxxi li kien hemm tat-*toileteries* ghamlu lista taghhom. Imbaghad meta nizlu d-depost in-Newport Bonded Stores nfethu l-*pallets* kollha u bdew jghoddu x'kien hemm Red Bullghax f'parti mill-*pallets* fin-naha tan-nofs meta bdew jinhattu nstabu kaxxi bl-iskratac. Ghoddew kollox, ghoddew kemm kien hemm skratac ghamluhom anke bis-*sizes* ghax kienu *sizes* differenti u sadanittant ovvjament kien hemm il-prezenza tal-pulizija, kien hemm anki l-esperti tal-Qorti ghax kien hemm inkjesta ghaddejja u dahlu kollox fl-istores.

Mistoqsija meta waslet fuq il-post min-naha tal-Yard tiftakarx min kien hemm prezenti wiegbet li l-isem ezatt ta' min kien ma tafx, kien hemm prezenti dak li kien beda' jillowdja il-*pallets* li kien inkarigat li jtella' mill-mahzen , wiehed kien hemm dak il-hin. Mistoqsija kif kienu ippustjati l-*pallets* spjegat li r-Red Bull huma *cans* u minn barra jkunu qishom bis-*stretch and seal* jigifieri inti mad-daqqa t'ghajn tara dawn il-laned tar-Red Bull. Tghid li l-kaxxi ma kienu jidhru xejn assulutament trid thott ir-Red Bull biex inti taghraf li fin-nofs kien hemm kaxxi ohra. Kienet tidher car li kienu mohbija assolutament u jekk ma thottx ma ssibx. Mistoqsija jekk tiftakarx kemm kien hemm *pallets* spjegat li *pallets* ta' Red Bull kien hemm tmintax (18) imma mhux f'kollha kien hemm l-iskratac. Mistoqsija jekk kienx hemm xi differenza bejn il-*pallets* spjegat li iva kien hemm zewg  kwalitajiet ta' *pallets,* f'certu kwalita' kien hemm l-iskratac u ohrajn le. Mistoqsija wara li nizlu l-istores kellhiex xi nvolviment iehor fiha din il-bicca xoghol spjegat li hija ma' shabha qaghdu jivverifikaw, ihottu litteralment *pallet pallet* jaghmluhom ir-Red Bull ghalih, il-kaxxi tal-iskratac nehhewhom u ghamluhom anke bis-*sizes* biex ikun jidher ghall-ghadd u l-verifiki. Mistoqsija jekk wara dakinhar kellhiex xi sehem iehor spjegat li le. Mistoqsija jekk ghandhiex xi haga x'tesebixxi spjegat li gabet lista tal-affarijiet attwali x'sabu. Hija esebiet dokument immarkat SPA 1 li fiha l-lista tal-affarijiet li sabu attwalment. Esebiet ukoll dokument tad-Dwana li huwa skond dak li ddikjara ir-rapprezentant ta’ Agius Services u cioe’ dak li qal li ser jesporta hu, liema dokument gie mmarkat bhala Dok. SPA 2.

Illi nhar il-11 ta’ Dicembru, 2013 xehed **Paul Bugeja** u spjega li jahdem id-Dipartiment tad-Dwana u ghandu l-kariga ta' fizzjal fis-sezzjoni tan-Non Propheration. Mistoqsi fl-erbatax (14) ta' Awwissu, tal-2012 fiex kienet involuta id-Dwana f'liema operazzjoni, spjega li dakinhar huma kienu mibghutin mis-superjuri taghhom biex jiccekjaw rapport dwar esportazzjoni

ta' skratac minn fuq lanca wara li kienu rcevew xi informazzjoni. Huma marru fuq din il-lanca ghamlu *ramidge* fuqha u rrizulta fin-negattiv ghaliex ma kien hemm xejn. Mistoqsi fejn marru jaghmluh spjega li dan sehh gewwa x-Ship Building, l-Marsa. Mistoqsi jekk jafx liema hi l-lanca u x'jisimha spjega li jisimha Trivia 1. Mistoqsi x'gara wara spjega li wara regghu nformawhom li giet irrejzjata *export document* u kienu mitlubin biex imorru jassistu t-tghabbija fil-*container*. Huma marru JNT Transport Yard, tal-Handaq. Spjega li hemmhekk sabu *container* qed jitghabba, kien hemm fizzjal illi qed jiccekja x-xoghol u deherilhom illi kellhomhom jiccekjaw il-paletta. Fethu x-*shrink wrap*, caqalqu l-kaxxi u rrizulta li kien hemm kaxxi differenti fuq in-naha ta' gewwa. Elevawhom u sabu li ma kienx ix-xoghol iddikjarat. Mistoqsi fuq in-naha ta' barra x'kaxxi kien hemm spjega li kienu kaxxi bir-Red Bull. Mistoqsi x'kien hemm fuq in-naha ta' gewwa spjega li kien hemm kaxxi bl-iskratac ditta Bornagi. Mistoqsi f'kemm il-paletta nstabu dawn spjega li kien hemm xi tmintax (18) il-paletta. Mistoqsi jekk x'iktar sar xoghol fil-Yard dakinhar spjega li mbaghad ccekjaw il-kumplament tal-kaxxi li kien hemm u li kienu ghadhom fl-art u sabu aktar xoghol differenti milli kien hemm iddikjarat. Imbaghad minn hemm ittihdet d-decizjoni li jiehduhom in-Newport Bonded Stores u sar *talling* strett tax-xoghol li kien hemm.

Infethu l-paletti kollha u qasmu x-xoghol. Mistoqsi fejn inzammu l-iskratac wara li sar dan it-*talling* spjega li sar n-Newport Bonded Store. Mistoqsi dakinhar kellux xi nvolviment iehor spjega li assista ghat-*talling*. Mistoqsi jekk minn dakinhar sal-lum kellux xi nvolviment iehor fuq din il-bicca xoghol wiegeb li ma kellux.

Illi nhar is-17 ta' Jannar, 2014 xehed **Vincent Ciliberti** u spjega li in esekuzzjoni tal-inkarigu moghti lilu mill-Magistrat Inkwirenti, pprezenta r-relazzjoni tieghu li giet esebita u immarkata bhala Dok. CV1.

Illi nhar is-17 ta' Jannar, 2014 xehed **Kevin Borg** fil-kapacita' ta' Officer mal-Enforcement Unit tad-Dwana. Jispjega li nhar l-erbatax (14) ta' Awwissu 2012 saret operazzjoni kongunta bejn id-Dwana u l-pulizija. Qal li huwa kien ircieva telefonata minghand ufficjal tad-Dwana li kienet qed taghti xi *release* gewwa l-Handaq u stqarret li kellha bzonn l-assistenza tal-Enforcement Unit. Ghalhekk l-Ispettur taghhom, Mario Galea mar fuq il-post minghalih fiz-zona industrijali tal-Handaq. Qal li qisu kien hemm bitha b'mahzen kbir fih. Sa fejn jiftakar dan l-mahzen kien tas-socjeta' bl-isem xi haga JT J .Qal li kien ra xi *pallets* bir-Red Bull u kien hemm xi skratac fin-nofs taghhom. Qal li kien hemm kaxex tal-iskratac imdawrin bil-bottijiet tar-Red Bull u dawn kienu fin-nofs gol-*container*. Spjega li kien hemm diversi *pallets* imma ma jiftakarx kemm ezatt l-ammont.

Illi nhar is-17 ta' Jannar, 2014 xehed **Ivan Sammut** ufficcjal fid-Dipartiment tad-Dwana. Ikkonferma ukoll illi nhar l-erbatax (14) ta' Awwissu 2012 kien hemm operazzjoni kongunta bejn il-pulizija u d-Dwana. Spjega li dakinhar huwa flimkien mal-Ispettur tieghu waslu l-Handaq ghax kien hemm *warehouse* fejn kien hemm konsenja tar-Red Bull u xi affarijiet ohra u l-ordni taghhom kienet li joqghodu ghassa ma' dawn il-*pallets* kollha mimlijin Red Bull u skratac go fihom fin-nofs tal-*pallet*. Qal li ma jistax jghid kif kien deskritt ix-xoghol ghaliex id-dokumenti qatt ma rahom. L-ordni li inghata kienet li kellu jakkompanja lill-Ispettur tieghu fuq il-post li wara telaq lejn Ghawdex ma' pulizija u lilhom qalilhom biex jibqghu hemmhekk ghax huma kienu *day duty* sa x'hin gew *releaved* u cioe' sa xi l-erbgha u nofs (4.30pm) /

il-hamsa (5.00pm) u dan wara *night shift* ta' l-istess dipartiment. Sa kemm qaghad hemmhekk is-sehem tieghu kien li joqghod ghassa u ma jiccaqlaq xejn.

Illi nhar is-17 ta' Jannar, 2014 xehed **Mark Agius** u kkonferma li l-kaz tieghu kien gie deciz b'mod definittiv voldieri ma gie intavolat l-ebda appell. Spjega li l-familja tieghu ghandha kumpanija li taghmel l-esportazzjoni li jisimha Agius Services Limited u s-sit taghha jinsab Victoria, Gozo. L-ahhar wiehed mill-klijenti taghhom kien certu Khalil u kienu jesportawlu x-xoghol u din id-darba partikolari hadulu x-xoghol go bitha ta' Abela Brothers gewwa Haz-Zebbug pero' dwar fejn ezatt mhux cert ghaliex ix-xufier tieghu kien jinzel bix-xoghol. Spjega illi huwa jiehu l- ordni u x-xufier jikkonsenja l-ordni li tkun saret. Ikkonferma li Khalil Arrust, li huwa Libjan kien xtara r-Red Bull Energy drink minghandu flimkien ma' xi *toileteries*. Qal li kien iltaqa' mieghu waqt li kien qed ibiegh xi xoghol hdejn il-vapur l-Marsa. Meta kien jidhol il-vapur tal-Gharab klijent igib lill-iehor.

Xoghlu kien li jipprova jbiegh lil kull min jista' ghax wara kollox ibiegh irid. Jghid li kien ltaqa' ma' dan Khalil. Fil-fatt kien diga' esportalu xi erba' (4) *containers* f'xi erba' (4) jew hames (5) okkazzjonijiet precedenti oltre li kien jibghatlu x-xoghol fuq il-vapur. Qal li darba minnhom pero' kien hadlu dan ix-xoghol ghand Abela Brothers ghaliex kien cempillu Khalil u gharfu li kien xtara tlett partijiet xoghol minghand xi hadd iehor. Qallu 'jimporta intih in-*number* tieghek?' Ta in-number tax-xhud lil Azzopardi li sa dakinhar ma kienx jaf min hu u qatt ma rah b'ghajnejh. Mistoqsi kif kien ser jidentifikah, jew kif kienu ha jaghmlu kuntatt spjega li Khalil ta lil Azzopardi in-number tieghu u Azzopardi kkuntatjah direttament. Mistoqsi x'qallu, ix-xhud spjega li qallu ghandu xoghol ta' certu wiehed Khalil u staqsih fejn johodulu. Ix-xhud

ghalhekk tah in-*number* tal-burdnar u tkellem mal-burdnar. Ix-xoghol hadulu ghand il-burdnar. Mistoqsi jekk staqsihx x'inhu dan ix-xoghol ighid li le u sar jaf x'kien ix-xoghol x'hin mar ihallsu. Mistoqsi lil min hallas spjega li hallas lil Khalil - kien imur bil-flus ma' kull *transaction* u itih rendikont. B'referenza ghax-xoghol ta' din il-konsenja ighid li kien cempillu dan Khalil u qallu biex imur ihallas lil Azzopardi ghat-tlett parti u dan fl-ammont ta' *thirty-nine thousand two hundred* euros (€39,200), kien mar u hallsu. Kien biss minn dakinhar 'il hawn li sar jaf x'inhu x-xoghol.

Mistoqsi jekk meta mar ihallsu ltaqax ma' dan Azzopardi spjega li ltaqa' mieghu u gharfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla. Mistoqsi fejn iltaqghu biex hallasu ighid li iltaqa' meighu fil-hanut tieghu li kien r-Rabat, Malta. Qal li kien tela' r-Rabat fil-hanut tieghu, dahal gol- hanut li kellu s-*soft drinks* u cikkulata u affarijiet simili u kellu hanut iehor armat b'affarijiet tal-kacca. Hu dahal go dak il-garaxx li kellu s-*soft drinks u* c-cikkulata. Jghid li meta mar kien mghaggel, tah il-flus u qallu li l-flus kien baghthomlu Khalil. Azzopardi ghoddhom u kompla l-qadi tieghu. Mistoqsi x'tah bhala prova li hu hallsu wiegeb li ma kien tah xejn. Cempel lil Khalil bhala kkonferma li kien tah il-flus. Kellmu u qallu l-flus qeghdin f'idejh.

Qal li wara hemmhekk marru biex jghabbi x-xoghol u Abela rrifjuta li jghabbih. Spjega li x-xoghol kien diga' hadu Azzopardi ghand il-burdnar Abela. Ix-xoghol kollu kien qieghed ghand Abela lest biex jitghabba. Il-pagamenti kienu saru kemm ghalih u kemm ghal Azzopardi jigifieri kull ma kien jonqoshom kien li jaraw ma' liema bastiment ha jghabbu dan ix-xoghol.

Abela rrifjuta li jghabbi x-xoghol peress li kienu skratac u ma avzawhx. Kif ix-xhud sar jaf li kien hemm skratac qal li mank javzawh x'kienu l-affarijiet.

Qal li kien hadlu biss ir-Red Bull u ghalhekk ma kienx kompitu tieghu jaghmel xoghol li hadlu haddiehor ghaliex fil-fatt ma kienx hu li biegh ix-xoghol lil dan l-Gharbi Khalil. Mistoqsi jekk dan Azzopardi tahx xi karti minhabba x-xoghol spjega li karti ma tah xejn. Qal li l-karti tad-Dwana u rcevuti ha hsiebhom Azzopardi stess. Ix-xhud ghamel il-karti tad-Dwana tax-xoghol tieghu u kien qala' l-fizzjal tad-Dwana ghax huwa ried jikklemja l-VAT lura u fil-fatt gab il-fizzjali tad-Dwana biex jikkonferma l-VAT lura. Mistoqsi jekk huwa nfurmax lil dan Azzopardi x'kellu jsir spjega li huwa kellu xogholu u xoghlu jaghmlu hu u xoghol Azzopardi jimmagina li kien jaghmlu Azzopardi stess. Qal li jekk Azzopardi fuq l-iskratac hemm il-VAT jew ghogbu li ma jiddikjarax VAT jew jigbor xi VAT lura affarieh. Hu ma' Azzopardi ma kien miftiehem xejn. Mistoqsi imma meta hu qala' lil tad-Dwana ghax-xoghol tieghu jekk infurmax lil Azzopardi dwar dan spjega li le, lil Azzopardi hu ma nfurmahx li qala' l-fizzjal ghax huwa jaqla' il-fizzjal ghax-xoghol tieghu, fil-fatt x'gara malli qala' l-fizzjal u nstabu l-iskratac hu l-*entry* li ghamel.

Huwa qal li dawn l-iskratac Azzopardi kien diga' hadhom ghand Abela. Mistoqsi hekk hux minnu li Abela rrifjuta li jghabbihom u x'ghamel x-xhud f'dan il-kaz, ix-xhud ikkonferma li cempel burdnar iehor li kien jahdem mieghu u qallu isma' ghandhom tlett (3) paletti skratac u ghoxrin (20) *pallet* Red Bull u paletta *toileteries* "qallu tista' tmur tigborhom minghand Abela ghax ma ghabbiehomlux u dan wiegbu li ma hi problema ta' xejn. Mistoqsi min hu dan Abela spjega li huwa maghruf bhala x-Xandarett u huma zewg ahwa. Qal li huma lil din il-l-kumpanija jafuha bhala Xandarett. Ix-xhud iddikjara li kien hadhom fil-bitha tieghu, qalghu l-*container* u beda jghabbihom fil-*container*, ghamel l-*entry* u in segwitu harget *green* l-*entry*. Mistoqsi x'istruzzjonijiet ta biex jghabbi x-xoghol spjega li kif tah l-

istruzzjonijiet l-Gharbi u cioe' qallu biex jghabbi l-iskratac fuq in-naha ta' gewwa u Red Bull jitghabbew fuq in-naha ta' barra. Mistoqsi xi gwadann kellu minn din il-bicca xoghol spjega li l-gwadann li kellu kien jikkonsisti fil-bejgh tar-Red Bull. Mistoqsi jekk hu qallux biex jaghmel hekk lil dan ix-Xandarett, spjega li kienu marru tad-Dwana u l-karti hargu *green* jigifieri ma kienx sejjer rapprezentant tad-Dwana pero' dan qallu li tad-Dwana xorta kien sejjer. Tad-Dwana qalulu li l-iskratac m'humiex iddikjarati. Ghalhekk cempel lil Azzopardi u nfurmah li kienu marru tad-Dwana u qalulu li kellu problemi kbar fuq l-iskratac. Mistoqsi x'kien qallu spjega li ma jiftakarx imma jahseb kif hemm fl-istatement kien ix-xhud kien qal lil Azzopardi 'wahhaltulna'. Mistoqsi x'irrispondih meta lilu qallu '*wahhaltulna*' spjega li minghalih kien qallu li d-dokumenti, il-karti qeghdin sewwa. Jghid li appena marru tad-Dwana u sabu l-iskratac bdiet l-istorja jigifieri l-oggetti gew ikkonfiskaw.

Mistoqsi jekk fix-xiri jew fin-negozjati li kien hemm bejn Khalil l-Gharbi u Azzopardi hu kienx involut huwa spjega li huwa ma kienx involut. Jaf li kien hemm erba' mitt (400) kaxxa u kkonferma li kien baghtu bil-flus Khalil. Qal li meta mar ghand Azzopardi bil-flus li tah Khalil, fil-fatt dawk huma depozitu li x-xhud izomm ghandu sabiex jaghmel tajjeb ghal prodotti li jixtri Khalil minghandu. Qal li l-ewwel kuntatt li sar f'din l-istorja kienet bejn Azzopardi u Khalil u ddikjara li hu ma kienx nvolut fiha. Ix-xhud rega' ddikjara li Khalil kien cempillu u Khal staqsih ghal permess biex jaghti n-numru tieghu lil terza persuna li minghandu Khalil xtara tlett pallettes. Dan it-terza persuna li kien Azzopardi kkuntattjah u x-xhud infurmah li l-pagament / flus kienu ghandu. L-ghada tad-delivery ix-xhud kien tela' Malta ghand Azzopardi u mar il-hanut tieghu fil-parti fejn kellu fridge. Azzopardi ha l-pallets ghand Abela qabel ma sar il-pagament u meta sar dan ix-xhud ma kienx prezenti.

Ix-xhud iddikjara li huwa dak il-hin x'hin ta l-pagament kull ma ghamel kien li cempel lil Khalil qallu li il-flus qeghdin ghand Azzopardi u qallu biex ikellem lil Azzopardi. Azzopardi kkonfermalu li l-flus qeghdin ghandu u cioe' l-ammont ta' *thirty nine thousand and two hundred* euros (€39,200) u l-bqija dak il-hin huma ma tkellmux fuq dokumenti. Hu ma dahalx fiha.

Ix-xhud spjega li rigward dokumenti, huwa jiddikjara x-xoghol tieghu fuq id-dokumenti. Jekk Azzopardi ried jiddikjara x-xoghol tieghu biex jigbor l-VAT kellu jaghmilhom Azzopardi stess u jaghti l-istruzzjonijiet lill-burdnar hu stess. Ix-xhud jiehu hsieb il-bill of lading li huwa dokument li ix-xoghol hareg minn Malta. Ix-xhud iltaqa' ma' Azzopardi darbtejn – darba meta mar biex ihallsu u darba meta kienu arrestati.

Stqarr li x-xoghol kollu li kien ghaddielu u li mbaghad irrizultaw kienu skaracax, ix-xhud hadimhom b'burdnar wiehed li kien qala hu.

Illi nhar is-16 ta' Mejju, 2014 xehed l-allura **Ispettur Ian Abdilla** u spjega li fl-14 ta' Awwissu, tas-sena 2012 ghall-habta ta' nofsinhar huwa kien intalab biex imur jassisti l-Ispettur Rennie Stivala f'sejba ta' munizzjon li kien nstab go *compound* ta' kumpanija ta' transport liema munizzjon mill-informazzjoni li kellhom kien destinata biex tmur il-Libya. Huwa kien mar ghand JNT Transport Ltd. fejn jinsab tal-Handaq Road, tal-Handaq. Mieghu kellu lis-Surgent PS 1335 Duncan Schembri u minn hemmhekk kienu iltaqghu ma' diversi ufficjali tad-Dwana fosthom Ian Muscat, Mario Galea u ufficjali ohrajn. Hemmhekk huwa kien innota li dan il-munizzjon li kien *jikkonsisti f'bullets* kienu storjati go *pallets*, dawn il-*pallets* kellhom dawra ta' Red Bull u fin-nofs kien hawn dawn il-*bullets*.

Sussegwentement kien mar fuq il-post l-Ispettur Rennie Stivala li kompla bl-investigazzjoni u wara kienet anka giet mahtura Inkjesta u sussegwentement huwa flimkien ma’ PS 1335 Duncan Schembri u l-Espert nominat mill-Qorti Vincent Ciliberti kienu telghu Ghawdex ghall-habta tas -saghtejn / it-tlieta fejn hemmhekk kienu tkellmu, u arrestaw lil certu Mark Agius li kien wiehed mill-importaturi li kien dahlilhom l-informazzjoni li kellu x’jaqsam ma' dan il-kaz. Spjega li lill-imputat qatt ma kellmu u ma jafux.

Illi nhar is-16 ta’ Mejju, 2014 xehed **PS 678 Bernard Buns** u spjega li gie mitlub sabiex jaghmel ricerka sabiex jispjega x’licenzja ghandu Michael Azzopardi biex izomm licenzji taht l-Arms Act. Illum huwa jinsab f’pozizzjoni sabiex jesebixxi dokument li qed jigi mmarkat mill-Qorti bhala dokument RB u spjega li minn qari ta’dan id-dokument jirrizulta kull licenzja li ghandu l-imputat.

Spjega li fil-fatt Michael Azzopardi ghandu diversi licenzji mahruga taht l-Arms Act Ordinance, fosthom li ghandu licenzja ta’ Dealer, Target Shooter A, Target Shooter B u Licenzja tal-Kacca. Spjega li filfatt il-licenzji jmorru lura sa mill-introduzzjoni tal-Arms Act u kienu wkoll licenzjati taht l-Ordinanza tal-Army li kien hemm ezistenti qabel il-kapitlu l-gdid. U filfatt huwa licenzjat sabiex biex ibiegh Armi u Munizzjon. Spjega illi filfatt l-unika kundizzjoni li ghandu hija relatata ma' din is-sena u ma jistax ibiegh armi. Anzi spjega illi ma jistax idawwar fuqu Armi, ibiegh milli ghandu jista' u din hija kundizzjoni li dahlet in vigore din is-sena.

Mistoqsi jekk il-licenzji in kwistjoni m’ghandhomx il-kundizzjoni spjega li ghandhom. Mistoqsi jekk mhux minnu li effettivament il-kundizzjoni li l-

imputat ma jistax jixtri armi fuqu dahlet din is-sena wara li gie pprezentat il-Qorti spjega illi iva hekk hu.

Mistoqsi jekk fil-fatt kienx hemm talba sabiex issir *review* ta' din il-kundizzjoni li dahlet din is-sena spjega li huwa m'huwiex konxju taghha. Dokumentazzjoni li giet esebita minnu giet komplessivament immarkata bhala dokument Z.

Illi nhar is-16 ta' Mejju, 2014 xehed **PS 832 Duncan Vella** u spjega li nhar l-14 ta' Awwissu, 2012 ghall-habta tas-siegha ta' wara nofsinhar kien mar flimkien mal-Ispettur Stivala gewwa JNT Transport Limited il-Handaq Road, Handaq fuq informazzjoni li kien hemm *container* li qed jigi mghobbi xi xoghol sabiex jigi esportat lejn il-Libya li fih kellu ammont kbir ta' skratac li kienu mghobbija gewwa *pallets* mimlijin bil-fliexken tar-Red Bull.

Meta marru fuq il-post kien hemm l-Ispettur Abdilla, kien hemm is-Surgent 1335, ftit ufficjali tad-dwana u kien hemm ukoll is-Sur Joseph Zammit li kien il-propjetarju tal-*yard*. Gol-mahzen kienu gew osservati numru ta' *pallets* bir-Red Bull fejn dawn ma kinux kollha tal-istess daqs u ma kinux issigillati kollha bl-istess *shrink wrap* bil-*lot label* fuqhom. Dawk il-*pallets* li kellhom l-iskratac go fihom ma kellhomx il-*lot label* maghhom.

Kienet saret tfittxija fil-*yard* fejn hemmhekk kienu nstabu numru ta' *shrink clips* go *skips* bl-istess *lot number label* fuqhom bhalma kellhom il-*pallets* iz-zghar li ma kellhomx skratac mohbija go fihom. Dawn kienu gew elevati mill-ufficjal tas-SOCO u kienet infethet Inkjesta fejn kienu gew mahtura numru ta' Esperti. Minn hemmhekk l-iskratac kollha flimkien mar-Red Bull u *pallet* iehor *toileteries* gew mittiehda taht skorta gewwa l-Custom Shed, il-

Marsa. Il-kaxxi kollha gew mghoddija u mahzuna hemmhekk. Dakinhar Zammit kien ittiehed il-Kwartieri Generali ghal aktar stharrig. Mill-investigazzjoni kien irrizulta illi l-iskratac kienu nxtraw minghand is-Sur Michael Azzopardi li qed jagharaf hemmhekk gewwa l-Awla bhala l-imputat odjern. Ghaldaqstant fit-22 ta' Awwissu flimkien mal-Ispettur Stivala kien ingieb l-imputat il-Kwartieri Generali tal-Pulizija sabiex jigi mitkellem quddiem il-pulizija u qabel ma gie mitkellem mill-pulizija huwa kien inghata d-drittijiet kollha tieghu skond il-ligi, li hemmhekk kien irrilaxxa stqarrija. Ix-xhud ra l-istqarrija li tinsab a fol. 6 tal-Process u hija datata 22 ta' Awwissu, tas-sena 2012. Jara fuq din l-istqarrija il-firma tieghu, dik tal-imputat prezenti fl-Awla kif ukoll tal-Ispettur. Dwar il-kontenut huwa jikkonferma l-kontenut tieghu wkoll.

Esebixxa notamenti li huwa ghamel referenza ghalihom waqt ix-xhieda tieghu liema notamenti tpoggew go *envelope* kannella u mmarkat mill-Qorti bhala dokument PS.

Illi nhar is-16 ta' Mejju, 2014 xehed **PS 1261 Charles Pace** u spjega li huwa kien gie nominat b'digriet tal-Magistrat Dr. Giovanni Grixti tal-14 ta' Awwissu, tas-sena 2012 u dana sabiex huwa jiffotografa l-fond minn gewwa tal-istabbiliment li jinsab JNT Yard, il-Handaq. Esebixxa r-relazzjoni tieghu maghmula ghall-fini ta' dan in-nomina liema relazzjoni giet mmarkata bhala dokument CP.

Illi nhar is-16 ta' Mejju, 2014 xehed **Joseph Zammit** u spjega li huwa jahdem bhala burdnar u dana ma' JNT Transport liema kumpanija tappartjeni lil huh Tonio Zammit u lilu. Huwa minnu illi fl-14 ta' Awwissu, tas-sena 2012 il-pulizija kienu marru fil-*yard* tieghu. Spjega ukoll li nsegwitu huwa kien gie

mitkellem mill-pulizija u sahansitra mressaq il-Qorti, illum il-gurnata l-kaz tieghu huwa deciz b'mod definittiv.

Jiftakar li lejliet kien cempillu Mark Agius fil-fatt kellu *container* Red Bull u staqsieh biex jghabbilu dan l-*container* biex imur il-Libya u qallu wkoll li kellu xi xoghol mhux dikjarat u xtaq li jghabbihulu go fiha wkoll. Huwa accetta li jghabbihulu. Dak il-hin ma kienx jaf x'kien dan ix-xoghol li kien ser jghabbi. Jaf li pero' qallu li huwa li kellu jghabbi dan il-*container* minghand Alfaran. Il-*container* pero' kien vojt. Spjega illi kellu jghabbi xi xoghol tal-Burdnar li huwa bil-kunjom ta' Abela minn Hal-Ghaxaq. Spjega illi fil-fatt kellu jigbor il-*container* vojt minghand l-Alfaran u jiehdu fil-bitha tieghu b'sussegwentement baghat wiehed mill-haddiema tieghu Hal-Ghaxaq biex jigbor xi xoghol bl-intiz li dan jidhol fl-istess *container* li kien gabar minghand l-Alfaran. Filghaxija hatt dan ix-xoghol minn got-*trailer* li kien ghabba aktar kmieni minghand Abela u filfatt irrizultalu illi x-xoghol li kien ghabba minghand Abela kienu skratac. Flimkien ma' dan l-iskratac ghabba ukoll Red Bull. Red Bull anki kien hemm xi ghoxrin (20) *pallet*, kien hemm ukoll *pallet* sapun, *detergents* u erba' *pallets* skratac.

Huwa fil-fatt l-ghada filghodu kien cempillu lil Mark Agius qallu isma' dak ix-xoghol huwa skratac u hu qallu li kien jaf. Filfatt spjega illi huwa hatt ix-xoghol minn fuq il-*container* mit-*trailer* li kienu gabru minghand Abela minn Hal-Ghaxaq waqt li kienu fil-bitha tieghu mbaghad huwa hattu, pogga l-iskratac f'nofs dawn tar-Red Bull u rega' ghamillu x-*shrink wrap* madwaru. Spjega illi kienet idea ta' Mark Agius li jghabbu x-xoghol hekk. Safejn jaf hu dawn l-iskratac gew minghand Abela pero' minn Tony Abela huwa ma jafx.

Illi nhar is-27 ta’ Gunju, 2014 xehed **PS 36 Sergio Azzopardi** u huwa kien gie nominat fl-atti tal-inkjesta dwar is-sejba ta' munizzjon go J & T Yard, Tal-Handaq Road, limiti ta' Hal Qormi. Esebixxa r-relazzjoni tieghu liema relazzjoni giet mmarkata mill-Qorti bhala dokument SA.

Spjega li effettivament id-dokumentazzjoni msemmija f'din ir-relazzjoni giet esebita formalment peress li huma mdaqqsa u ghalhekk materjalment ghadhom fil-pussess taghhom.

Illi nhar il-5 ta’ Awwissu, 2014 xehed l-**Ispettur Rennie Stivala** u spjega li fl-erbatax (14) ta' Awwissu, elfejn u tnax (2012) ghal madwar nofsinhar kien ircieva informazzjoni minghand is-Superjuri tieghu li xi Ufficjali tad-Dwana kienu sabu xi ammont ta' skratacc f'xoghol li kien qed jitghabba f'*container* biex imur il-Libja. Tawh ukoll il-lok fejn instab dan il-post. Dana jidher li dan ix-xoghol kien qieghed fil-bitha tal-JNT Transport li tinsab fl-Industrial Estate, tal-Handaq.

Huwa flimkien ma' dak iz-zmien PC832 Duncan Vella nizel fuq il-post fejn hemmhekk sab l-Ispettur Ian Abdilla u s-Surgent 1335 Duncan Schembri illi kienu qeghdin hemmhekk ghax intbaghatu qabel. Fuq il-post sabu ukoll diversi Ufficjali tad-Dwana fosthom Ian Muscat, Mario Galea, Simone Pace, Paul Bugeja, Kevin Borg u Ivan Sammut. Huwa staqsa ezattament l-Ispettur Ian Abdilla peress li kien qieghed hemmhekk qablu u qallu li bdew jiccekkjaw *container* illi kien qieghed jitghabba.

Dan il-*container* suppost kien dikjarat li kellu jkollu ghoxrin (20) paletta tar-Red Bull. Fil-verita' l-ghoxrin (20) paletta nstabu. Gie nnutat illi kien hemm diversi paletti ta' daqs u diversi paletti ta' daqs iehor ma kinux indaqs u li

kellhom ukoll differenza fil-*labelling* li kellhom. Kien hemm ohrajn bil-*labelling* originali illi tigi minn barra u tghaddi *through* Farsons u kien hemm ohrajn illi kien jidher li x-*shrink wrapping* taghhom sar lokali.

Bazikament l-Ufficjali tad-Dwana flimkien maghhom fethu bicciet mill-plastik u zarmaw ftit mir-Red Bull u fuq gewwa fin-nofs tal-*pallet* sabu kolonna ta' kaxxi tal-iskratac f'diversi minn dawn il-*pallets*. Huwa dak il-hin informa lill-Magistrat tal-Ghassa Dr. Giovanni Grixti dak iz-zmien, hatar inkjesta fejn hatar lill-Brigadier Maurice Calleja bhala espert ballistiku, lil Dr. Vince Ciliberti bhala *technical expert* u diversi ufficjali tal-pulizija mis-SOCO biex jghinu.

Huwa dak il-hin staqsa ghas-sid tal-bitha illi huwa wiehed mill-ahwa - Joseph Zammit kien prezenti. Dana spjegalu illi dan ix-xoghol dak il-hin kien qieghed jitghabba u ma kellux x'jaqsam mieghu. Hu kull ma kien kuntrattat bhala burdnar biex jghabbih fil-*container* u jiehdu x-xatt biex jibghatu bid-daghjsa Trivia lejn il-Libja.

Huma daru dawra mal-*yard* il-ghaliex minhabba li dana dehru li kienu gew ippakjati hemmhekk instab diversi *shipping wrapping* fil-*yard* bil-*labels* tar-Red Bull mormi f'genb fl-istess *yard*. Huwa bazikament dak il-hin ghaddew ghall-arrest ta' dan il-persuna. Fuq il-post mar ukoll is-Supretendent Paul Vassallo. Staqsieh f'hiex kienu u beda jispjegalu ezattament x'kellhom sa dak il-hin. L-iskratac li nstabu deher li kien hemm ammont konsiderevoli li flimkien mal-Brigadier u flimkien ma' nies ohra waslu li bejn wiehed u iehor kien hemm *over eighty thousand* (80,000) *rounds* li kienu sejrin il-Libja. Kienu tad-ditta Bornaghi u dak il-hin is-Supretendent offra l-ghajnuna tieghu, beda jfittex *suppliers* illi jbieghu dan it-tip ta' munizzjon. Ikkuntatjah u

kkonfermalu li mar ikellem lil Michael Azzopardi li gharfu bhala l-imputat fejn dan min-naha tieghu *through* il-hanut tieghu tal-Magro Gun Shop ir-Rabat ikkonfermalu illi xi ftit jiem qabel kien biegh ammont sostanzjali li jaqbez il-mitt elf (100,000) skartocc lil xi hadd.

Dak il-hin l-iskratac u x-xoghol gew *seized* min-naha tal-Pulizija tnizzlu fil-Mifsud Veranda fejn ghandhom l-imhazen tad-Dwana, gew iccekjati u rrizulta li kien hemm mija u sebat elef (107,000) u xi haga, voldieri jaqbez sew il-mitt elf (100,000) kienu bhala skratac. Huwa dakinhar kellem lil Joseph Zammit wara li spiccaw mix-xoghol t'hemmhekk gie arrestat Joseph Zammit, gie mitkellem. Sakemm qeghdin jghoddu l-iskratac f'Mifsud Veranda l-Ispettur Ian Abdilla flimkien mas-Surgent 1335 Duncan Schembri u l-espert tal-Qorti Vincent Ciliberti telghu Ghawdex biex ikellmu lil Mark Agius dak il-hin bhala xhud biss, il-ghaliex hu kien qalilhom illi baghat xi xoghol.

Izda *through* il-*course* tal-investigazzjoni sakemm waslu hdejh huwa infurmahom illi ahjar illi jaghtuh il-*caution* u jigi trattat bhala suspettat ukoll u fil-fatt hekk sar tawh il-*caution*. Ikkonsulta ma' avukat fl-Ghassa tar-Rabat stess imbaghad sussegwentement tnizzel Malta bhala suspettat.

Waqt li kien qed ikellem lil Zammit, Zammit ghall-ewwel beda jichad li kien jaf bil-prezenza ta' dawn l-iskratac gor-Red Bull biss imbaghad ovvjament meta kellmu l-ghada u gie kkonfrontat ukoll bil-fatt illi sabu x-*shrink wrapping* originali tar-Red Bull fil-*yard* tieghu u li persuni ohra kienu qed jikkonfermaw il-verzjoni, hu ammetta illi li kien gara kien illi kien ikkuntattjah Mark Agius minn Ghawdex il-gurnata ta' qabel, qallu kellu xi xoghol ghand burdnar John Abela li ghandhom il-*yard* taghhom Hal Ghaxaq.

Qallu biex jitla' jigbor ix-xoghol minghand Abela, jiehdu ghandu u jixxipjahulu hu.

Joseph Zammit kien infurmat x'kienu l-affarijiet - infurmah li kien hemm ghoxrin (20) paletta Red Bull, infurmah ukoll li kellu *pallets toiletries* u nfurmah ukoll illi kellu dawn l-iskratac u talbu qallu: "ismaghni" qallu "dawn ghadhom mhux dikjarati u mportanti illi tahbihom gox-xoghol." Joseph Zammit accetta. Hu stess spjegalu li baghat il-lavrant tieghu dakinhar jippikkja x-xoghol u kif waslu fil-bitha tieghu hu stess Joseph Zammit baqa' il-lejl kollu jippakkja x-xoghol hu. Jigifieri fetah il-*pallets* tar-Red Bull, issistema l-kaxxi tal-iskratac fin-nofs u dawwar ir-Red Bull mieghu u x-*shrink* ireppjah hu.

Sussegwentement huwa ghadda ukoll biex ikellem lil Mark Agius. Mark Agius ghall-ewwel l-istess haga beda jichad illi kellu x'jaqsam ma' din il-bicca xoghol beda jghid li ma kienx jaf li kien hemm l-iskratac. Spjegalu u kkonfermalu illi hu kien ippjana li juza lil Abela bhala burdnari fil-bidu u spjegalu wkoll li meta Abela nduna li kien hemm l-iskratac, Abela ma accettax u qallu biex jigi jiehu kollox.

Agius spjegalu illi qabbad lil Joseph Zammit biex imur jiehu x-xoghol u jnizzlu ghandu. Mela *given* din l-informazzjoni fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Awwissu, tal-elfejn u tnax (2012) inhareg mandat ta' arrest ghal Michael Azzopardi l-imputat, gie arrestat, tnizzel is-CID Lock Up, inghata d-dritt tal-Avukat li hu rrifjuta. Fil-fatt qieghed jipprezenta kopja tal-*waver* tad-dritt tal-avukat datata tnejn u ghoxrin(22) ta' Awwissu 2012 fis-sebgha (19:00) ta' filghaxija fl-ufficcju tieghu. Fuqha qieghed jaghraf il-firma tieghu, il-firma tal-imputat Michael Azzopardi, il-firma ta' PC 832 Duncan Vella u l-firma ta'

PC 1282 Dino Farrugia. Din giet immarkata bhala dokument RS. Dakinhar kellem lil Michael Azzopardi spjegalu x'kienu s-suspetti taghhom. Hu ma cahadx u mal-ewwel qallu xi jiem qabel kien cempillu persuna illi skond hu mill-accent hadu li kien probabbilment Gharbi ghalkemm kellmu bil-Malti. Qallu li kien talbu ammont kbir ta' skratac, kienu bbarginjaw xi ftit fuq il-prezz, spjegalu li kien talbu madwar ghaxar ewro (€10)-il kaxxa u mbaghad ftehmu fuq 8.65 kull kaxxa. Dana mid-dehra dan il-persuna talbu erba' mija u hamsin (450) kaxxa li jitilghu mija u tnax-il elf u hames mitt (112,500) skartocc, fil-verita' ftit iktar milli sabu jigifieri. L-ammont kif ammetta Michael Azzopardi stess qallu huwa tmienja u tletin elf, disa' mija u hamsa u ghoxrin ewro (€38,925) u huma ftiehemu tmienja u tletin elf u disa' mija (38,900). Bazikament qallu biex jispjega daqsxejn kif jinbieghu dawn. Dana l-Gharbi skond Michael Azzopardi ghadda n-numru tieghu lil xi hadd Malti u talbu biex jipreparahom biex imbaghad imur ghalihom. Staqsih jekk kellux bzonn trakk biex igorrhom, dan mid-dehra ovvjament huma ammont kbir jigifieri dana sabu nofs *container*.

Michael Azzopardi stess offra li jnizzilhom u nizzilhom ghand il-burdnar John Abela dak li semma' qabel ta' Hal Ghaxaq. Qal li gabarhom f'darbtejn minn Fort' Mosta ghax dan l-ammont ovvjament jaqbez l-ammont li l-licenzja ttih li jzomm fil-hanut. Nizel ghalihom f'darbtejn Fort' Mosta bejn it-Tlieta sebgha (7) ta' Awwissu qal hu u l-Erbgha tmienja (8) ta' Awwissu u baqa' sejjer bit-taghbija kif kienu fil-vann ghand dan il-burdnar. Huwa staqsih jekk kienx jaf lil min biegh l-iskratac, qallu le huwa dan il-persuna qatt ma rah kellmu biss bit-telefown ghalkemm kellmu diversi drabi. Qallu li minn fuq it-telefown ma jistghax jghid kemm-il darba kellmu ghax icemplu hafna nies. Huwa staqsih jekk biex jaghmel tali vendita' ta' munizzjon skond kif titlob il-licenzja tieghu hu kienx ha dettalji tal-licenzja tal-persuna u kienx nizzel id-dettalji tieghu fir-

registru. Azzopardi qal lix- xhud li le hu ma talbu xejn - la lilu speci u lanqas lil hadd. Huwa dak il-hin raha stramba qed jitkellmu fuq ammont illi dan anke jekk jinbiegh kaxxa skratac suppost irid jitlob l-affarijiet u huwa staqsih qallu:"jigifieri ammont ta' mija u tnax-il elf (112,000) skartocc qed tbieghielu u lanqas titolbu licenzja ta' tiratur, ta' *dealer* xi haga xejn?" Qallu li hu jassumi li kien barrani minhabba l-accent pero' Azzopardi baqa' jghid illi biex ibiegh l-iskratac tal-kacca lilu l-ligi ma titolbux illi jzomm dettalji taghhom. Huwa urieh kopja tal-licenzja fejn ghandha l-kundizzjonijiet fuqha stess u beda jghid illi beda jispjega illi bhala uzanza meta jbieghu skratac tal-kacca ghad-differenza ta' *bullets, rifle* jew *pistol loads* normali ma jnizzluhomx. Filfatt kien qalilhom speci l-ktieb fejn inizzel l-affarijiet li inutli johduh ghax mhux imnizzel u ghal dik ir-raguni ma ttehidlux biex l-ispettur ma jwaqqaflux in-negozju jigifieri.

Staqsih ukoll kif kien thallas. Azzopardi lilu spjegalu illi wara li ghamel it-tieni *delivery* xi hadd b'karozza hamra segwih il-hanut tieghu r-Rabat u hemmhekk hallsu fi flus kontanti l-ammont ta' tmienja u tletin elf u disa' mitt ewro (€38,900) f'karti tal-mitt ewro (€100) - tahomlu go baskett tal-BOV. Qallu li ma kien hemm hadd mieghu dakinhar bhala xhud ta' meta rcieva l-hlas. Hu qallu wkoll li dan ghalih kien bejgh normali, il-flus huma flus tal-*business* normali, voldieri poggihom fil-kont normali mal-ohrajn. Ghax filfatt staqsih u hadu l-kontijiet bankarji u l-ispettur jiftakar li rawhom mieghu ukoll. Qallu le dawn flus tal-*business* normali u ddahlu fil-kont normali.

Huwa staqsih qallu mill-*call profile* li jidher, jidher li sakemm innegozjaw fuq l-ammont ta' skratac u prezz hu rceva seba' (7) telefonati minghand numru libjan sakemm irranga. Ix-xhud staqsieh "jidhirlek li kien l-istess persuna", u wiegbu "jiena fil-fehma tieghi kienet l-istess persuna." Spjega ukoll illi lil dan

il-persuna l-libjan kellmu, u dan Khalil Sadegh Harrus gie mressaq diga' l-Qorti u l-proceduri tieghu nqatghu ghax ammetta u l-proceduri tieghu huma definittivi llum u se jixhed ukoll f'dawn il-proceduri stante li jkun jista' jgibu mil-Libja bhalissa. Dana lilu qallu li kellu n-numru ta' Michael il-ghaliex gieli xtraw xi persuni ohra Gharab minghandu u ghalhekk qalulu b'din il-bicca xoghol tal-iskratac u spjega li se jintuzaw ghal xi kacca l-Libja. Ikkorrobora bazikament l-istorja ta' Michael sakemm Michael kien ghadu maghhom jigifieri qallu li ddibattew ghall-prezz ftiehemu xi 8.60 jew 8.65 u li hallsu dak l-ammont. L-Gharbi qallu li l-flus jghaddihomlu tramite Mark Agius t'Ghawdex il-ghaliex kien ihalli diversi ammonti ta' *cash* ghandu biex meta jixtri x-xoghol jaqta' minnhom. Bazikament kien jitolbu li jkollu *credit* hawnhekk biex jixtri ammont ta' xoghol.

Spjega illi Mark Agius din il-haga cahadha dejjem. Dana Mark Agius tressaq ukoll u l-proceduri tieghu huma definitittivi. Jidhrilu xehed ukoll f'din il-kawza u dejjem cahad illi mar ihallas hu lil tal-iskratac. Ovvjament huwa baqa' jinsisti ma' Michael Azzopardi biex lilu jindikalu l-persuna li hallsu jew almenu jaghtih id-dettalji ta' din il-vettura li gie biha u baqa' ma ndikahx jigifieri baqa' jghidlu li ma jafx min hu.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro-ezami spjega li huwa minnu l-imputat huwa licenzjat biex ibiegh u jixtri l-iskratac u fil-fatt fil-process diga' hemm ukoll kopja tal-licenzja tieghu. Dwar il-konsenja tat-*toiletries* u r-Red Bull l-imputat ma kellux x'jaqsam. Azzopardi ma kien involut xejn dwar negozjati dwar it-trasport tar-Red Bull u t-*toiletries*. In-negozju sar bejn persuna libiga u Mark Agius. Fil-fatt Michael Azzopardi staqsa lill-Ghawdxi min se jkunu l-burdnara sabiex hu jkun jista' jtella x-xoghol fl-istess konsenja, u ghalhekk l-

Gharbi ta n-numru ta' Mark Agius lill-imputat sabiex ikunu jistghu jinnegozjaw bejniethom.

L-imputat fil-fatt kellu ordni mill-klijent u huwa kien se jikkonnsenja dan l-ammont. L-ordni hija skond il-fattura a fol. *forty* (40) tal-Process. Il-fattura tinsab a fol. *thirty nine* (39) Dok. GM1 waqt li l-ircevuta fiskali GM2 a fol. *forty* (40). Meta jkun hemm talba sabiex jinbieghu aktar minn tnax-il elf (12,000) minn dan l-*ammunition* trid issir talba lill-armata u tali talbiet huma esebiti fl-atti ghaliex skond il-ligi huwa jista' jzomm biss *up to twelve thousand* (12,000) fil-hanut tieghu. Hu mir-registru, mid-dokumentazzjoni esebita dawn it-talbiet saru minn Michael Azzopardi lill-Officer Commanding Emmunision and Explosive Company.

Ma rrizultalux illi l-imputat kien involut fil-habi ta' dawn l-iskratac fil-konsenja tar-Red Bull. Huwa minnu illi l-imputat jimporta dawn il-*cartriges* minn barra u jidhlu Malta b'mod regolari. Mistoqsi jekk huwa jafx x'inhu l-*mark up* li ghamel Azzopardi fuq dan l-importazzjoni spjega illi ma jafx.

Illi nhar il-25 ta' Awwissu, 2014 xehed is-**Supretendent Paul Vassallo** u spjega li fl-erbatax (14) ta' Awwissu, tas-sena elfejn u tnax (2012) huwa kien *duty* fit-taqsima tieghu. Meta gie infurmat illi f'bitha mahzen f'Tal-Handaq, Hal Qormi kienet instabet ammont konsiderevoli ta' munizzjon, huwa mill-ewwel irrikorra fuq il-post fejn sab illi f'bitha ghand kumpanija jisimha Xandarett kien hemm xi *pallets* li kienu stivati lesti mgezwrin bil-plastik. Kien hemm ukoll jidhirlu tad-dwana fuq il-post u fil-*pallets* ghalkemm kien hemm id-dawra ta' barra bir-Red Bull bil-pakketti tar-Red Bull, fin-nofs tal-*pallet* kien hemm ammont ta' kaxxi ta' skratac tad-ditta Bornagi. Huwa nforma lid-

*duty officer* tieghu l-Ispettur Rennie Stivala sabiex imur fuq il-post. Stivala mar fuq il-post fejn ra l-affarijiet u bdew jaghmlu l-*inquiries* taghhom.

Saru jafu illi l-agent principali tal-Bornagi huwa Michael Azzopardi mir-Rabat, allura sakemm l-Ispettur Stivala kien fuq il-post huwa mar ir-Rabat biex ikellem lil Michael Azzopardi fejn talbu biex jurih il-ktieb tieghu biex jara ir-rekord tal-movimenti tal-munizzjon li suppost li kellu. Is-Sur Azzopardi nfurmah illi ma kienx izomm dan ir-rekord tal-movimenti tal-iskratac. Qallu huwa jzomm biss tal-*bullets* mhux tal-iskratac tas-snieter ghax dawn kienu kollha skratac tas-snieter u qal li kienu nghataw dan l-*exemption* mis-Sur Peter Paul Zammit li dak iz-zmien jidhirlu meta kien Supretendent il-Legal Office tal-Pulizija.

Is-Sur Azzopardi talbu jekk bieghx xi ammont f'dawn l-ahhar jiem, granet, gimghat u nfurmah li kien wassal taghbija ta' kaxxi fil-limiti ta' Hal Ghaxaq fil-bitha ta' haulier bl-isem ta' Abela. Ix-xhud talab lil Azzopardi biex jakkumpanjah hemmhekk u mar mieghu hemmhekk fil-bitha fil-limiti ta' Hal Ghaxaq. Kellem lis-Sur Abela u s-Sur Abela malli ra lis-Sur Azzopardi kien diga' qisu beda ha jirrabja u beda jkellmu "ghidtlek", beda jghidlu kliem "ghidtlek ha ggibni fl-inkwiet" u dan it-tip ta' diskors.

Jirrizulta illi s-Sur Azzopardi kien nizzillu dawn il-*pallets* hemmhekk u ma qallux x'inhuma. Is-Sur Abela jidhirlu kien staqsieh specifikament x'inhuma pero' qatt ma rrispondieh u qatt ma nghata l-informazzjoni. Is-Sur Abela qalilhom li kien kellem lil certu Agius minn Ghawdex, Mark Agius jidhirlu u qallhom illi ha jitfa' kollox il-barra. It-taghbija kienet qed iddejqu, kien suspettuz. Suppost kellu jwasslu fuq vapur li kien sejjer lejn il-Libja u dan mar qabad qallhom li jekk ma jmorrux ghalihom se jitlaqhom barra fit-triq u ma

jinteressahx x'jigri minnhom. Gara illi mar ix-Xandarett u tellghahom minn hemmhekk, gabarhom minn hemmhekk u sussegwentement instabu fejn instabu.

Mistoqsi jekk huwa giex mgharraf lil min bieghhom qallu li effettivament kien bieghhom lil xi hadd ta' nazzjonalita' barranija. Jekk mhuwiex sejjer zball ta' nazzjonalita' Gharbija. Qallu wkoll li ma kienx jaf lil din il-persuna u li kien iddilja mieghu permezz ta' *cash*. Mistoqsi ghaliex fil-fehma tieghu fehem illi s-Sur Abela rrabja meta ra lill-imputat Michael Azzopardi spjega illi Azzopardi qatt ma qal lil Abela x'kien jikkonsisti l-konsenja tieghu u meta Abela ra lilu bhala Pulizija hemmhekk kien ghalhekk li rrabja.

Mistoqsi jekk huwa kienx prezenti waqt li kien hemm l-investigazzjoni ghaddejja fuq l-imputat li gharaf prezenti fl-Awla spjega li iva kien prezenti sahansitra jaf ukoll li ttiehed *statement* minghand l-imputat. Spjega li fil-fatt l-imputat dakinhar kien spjega li huwa ma kellux bejgh dak il-perjodu ta' zmien u dan il-bejgh gie qisu waqa' mis-sema.

Spjega illi l-imputat nvolut f'dawn l-investigazzjonijiet huwa Michael Azzopardi. Jaqbel ukoll illi l-imputat huwa licenzjat b'dan it-tip ta' munizzjon. Spjega illi effettivament il-munizzjon in kwistjoni dahal Malta b'mod regolari u fil-fatt il-munizzjon kien mizmum l-armata. Huwa rahom ghand il-burdnar Xandarett. Minn barra ma setghax jara li kienu munizzjon dan ghaliex kienu mohbija bir-Red Bull. Kif kienu l-munizzjon qabel ma gew mghottija bir-Red Bull ma jistghax jghid ghax ma rahomx. Jaf ukoll li Abela m'ghandux licenzja sabiex izomm munizzjon.

Illi nhar il-25 ta’ Awwissu, 2014 xehed **PS 1335 Duncan Schembri** u spjega li nhar l-erbatax (14) ta' Awwissu, elfejn u tnax (2012) ghall-habta ta' nofsinhar (12:00) gew infurmati sabiex imorru l-Handaq gewwa JNT Transport Services minhabba kien hemm tad-dwana u kellhom bzonn xi assistenza. Marru hemmhekk u sabu lil tad-dwana li urewhom xi *pallets* li kienu mdawrin b ir-Red Bull u go fihom kien hemm xi kaxxi bl-*ammunition*. Ftit wara marru ukoll is-Sur Stivala u s-Supretendent Vassallo u huma ntbaghtu Ghawdex sabiex isibu certu persuna certu Mark Agius. Telghu Ghawdex, sabuh, tawh is-solitu twissija, ikkonsulta mal-avukat tieghu wicc imb'wicc hemmhekk u nizlu bih arrestat hawn Malta. Huwa tela' Ghawdex flimkien mal-Ispettur Ian Abdilla u Dr. Ciliberti. Mistoqsi mill-Qorti jekk huwa jaghrafx il-persuna nvoluta spjega illi le ma jaghrafhiex.

Illi nhar id-9 ta’ Gunju, 2015 xehed **Khalil Sadeh Harrus** u kkonferma li verament huwa kien tkellem mal-Pulizija fis-sena elfejn u tnax (2012). Jaf li l-pulizija kellmitu fuq kwistjoni ta’ Red Bull *energy drinks* u xi sapun. Jiftakar li fix-xahar ta’ Awwissu, tas-sena elfejn u tnax (2012) ghall-habta tas-siegha ta’ filghodu l-pulizija kienu cemplulu u qalulu biex imur id-Depot ghax kellu xi affarijiet hemmhekk. Spjega li fost l-affarijiet li kien hemm, kien hemm skratac tas-senter, Red Bull *energy drinks* u sapun tal-hwejjeg tad-dar. Huwa kien xtara r-Red Bull u s-sapun tal-hwejjeg minghand certu Mark Agius minghand wiehed Ghawdex. Spjega li fil-fatt Mark Agius kien bieghhom lilu. Spjega li fil-fatt huwa kien il-Libja ma kienx hawn Malta meta sar dan in-negozju.

Spjega li filfatt kien xtara *container* Red Bull. Spjega illi l-iskratac fil-fatt Mark kien xtarahom minghand Michael l-imputat li gharaf prezenti fl-Awla. Filfatt kien hu li staqsa lil Mark biex jixtrilu dawn l-iskartac u filfatt lil Mark

Agius qallu biex jixtri kollox bis-sewwa. Filfatt spjega li kien tressaq il-Qorti u kien irregistra ammissjoni. Spjega li filfatt l-interpretu qallu biex jghid iva ghal dak li kien gie mistoqsi u huwa qal iva. Spjega ukoll pero' li huwa ma kellux x'jaqsam. Spjega ukoll li ma tantx fehem x'kien qed jigri fil-kaz tieghu.

Spjega illi fil-fatt il-kaz tieghu llum jinsab deciz. Spjega illi Mark kien xtralu erbgha mija u hamsin (450) kaxxa skratac. In-numru ta' dawn l-iskratac kien 45678. Spjega li kull kaxxa filfatt kien fiha ghaxar (10) kaxxi go fiha u kull kaxxa go fiha kellha hamsa u ghoxrin (25) skartocc. Filfatt kien hallas is-somma ta' *thirty eight thousand, nine hundred Euros* (€38,900). Filfatt kien baghat il-flus lil Mark Agius u Mark Agius kien xtrahom. Micheal kien jafu, kien jafu minn qabel u jafu tramite l-hbieb tieghu. Spjega li filfatt ma' Micheal kien tkellem fuq it-telefown dwar dawn l-iskratac. Ghandu n-numru tat-telefown tieghu. Filfatt ma' Michael kien staqsih ghall-prezz. Qabel ma tkellem ma' Michael fuq l-iskratac kien tkellem ma' Mark. Imbaghad Mark kien qallu li bil-prezz ta' hdax u nofs ewro kien lest igibhomlu minn Malta bil-*cargo* nkluz u dana ghal kull kaxxa zghira. Huwa lil Mark talbu biex inaqqaslu l-prezz pero' ma riedx, pero' mbaghad tkellem ma' Michael u kien ftiehem mieghu li kull kaxxa tiswa' *eight Euro sixty Euro cents* (€8.60). Michael ma talbu xejn ghax huwa ma tkellimx mieghu. Huwa qal fil-fatt li huwa ma' Mark tkellem u spjegalu li jrid kollox bis-sewwa. Huwa ma' Michael tkellem mieghu biss rigwardanti l-prezz. Filfatt huwa tkellem kemm ma' Mark u kemm ma' Michael, pero' ma' Michael tkellem biss biex inizzillu l-*price*, dwar in-negozju tkellem ma' Mark. Michael ma tkellimx mieghu fuq licenzji u karti izda rigwardanti l-prezz biss. Huwa qal lil Mark biex jixtrilu dawn l-iskratac u biex jibaghathomlu bil-*cargo* l-Libja. Kien Mark li kellu jiehu hsieb jigbor l-iskratac minghand Michael.

Spjega li fil-fatt kellu jhallsu u jpogihom mal-*cargo* u jibghathomlu l-Libja. Huwa ried kollox bil-karti kif suppost. Spjega illi Mark insegwitu pogga r-Red Bull u s-sapun fuq il-karti pero' ma ndikax l-iskratac biex ma jhallasx. Mark imbaghad ha l-affarijiet ghand xi kumpanija tal-*cargo*. Spjega illi dak iz-zmien huwa ma kienx Malta. Hu nsegwitu mbaghad cempel lil Mark u staqsih ghaliex il-*cargo* ma kienx wasal u jaf li Mark ma riedx ikellmu u cempillu diversi drabi, ghalhekk qabad ajruplan u gie Malta. Dam gimgha Malta jfittxu. Jaf li Mark ikun Ghawdex pero' hu ma marx Ghawdex. Hadd ma kellmu matul dik il-gimgha mill-pulizija. Huwa f'dik il-gimgha lanqas ma mar ikellem pulizija. Filfatt kellem imbaghad lil Mark li qallu li ma kienx jaf kif imxew l-affarijiet.

Mark lilu qallu biex jaqbad il-catamaran u jmur l-Italja u dan ghaliex qallu li l-pulizija riedu jaqbduh u qallu biex ma jmurx l-*airport*. Sussegwentement mar il-Konslu tal-Libja u kellimhom fuq dan in-negozju.

Spjega illi *the same thing* illi Mark effettivament mar ghand Michael gabar il-merkanzija, pogguhom ga *container* pero' insegwitu kellmuh xi nies u qalulu li kienu qabdulu xi affarijiet. Huwa ma kienx hawn Malta pero' jaf li cemplulu. Filfatt l-ewwel cemplillu wiehed mil-Libja stess u qallu l-bierah kienu qabdu *container* bi skartac, minn hawn Malta pero' lilu ma cempillu hadd. Spjega illi fis-sena elfejn u erbatax (2014) kienu cemplulu wiehed Gharbi u wiehed Malti u qalulu biex ma jigix Malta biex jixhed ghaliex jekk jigi kienu ser joqtluh. Qalulu ukoll biex ma jixhidx fuq is-sitwazzjoni tal-*container*. Mistoqsi jekk jafx min hu dan il-Libjan spjega li ma jafx min hu u meta staqsih minn fejn gab it-telefown *number* tieghu qallu li kien tahulu wiehed Malti.

Huwa lill-pulizija dejjem qalilhom li Mark kellu jiehu hsieb bix-xirjiet ta' dawn l-iskratac. Spjega li fil-fatt huwa ma' Michael Azzopardi tkellem aktar minn darba fuq it-telefown u filfatt kien qallu jekk jiehu aktar bhala ammont kien jonqos il-prezz kif isir is-soltu. Ma kienx Michael Azzopardi li kien cempillu fis-sena elfejn u erbatax (2014) u qallu biex ma jixhidx. Min cempillu ma qallux li hu Michael qallu inti Khalil u qallu iva.

Huwa minnu li huwa dakinhar li xehed waqt li kien fl-Awla ghadda dokument lill-Ispettur Stivala. Fil-fatt dan huwa l-istqarrija li huwa kien ta lill-pulizija meta kien gie nvestigat. Fil-fatt din l-istqarrija kienet giet moghtija lilu fis-sena elfejn u tnax (2012) wara li huwa kien irrilaxxjaha. Spjega li filfatt huwa kien nesa' l-kopja tieghu d-dar u kien tahielu l-Ispettur din l-istqarrija tieghu ghax kien nesa' x'kien qal. Spjega li fil-fatt huwa tela' jixhed ghax ikkomunika mieghu l-Ispettur. Spjega li filfatt l-Ispettur tkellem mal-Avukat Dr Bencini u Dr Bencini tkellem mal-habib tieghu li tkellem bl-Ingliz gewwa l-Libya. Huwa wasal hawn Malta l-gurnata ta' qabel. U meta kellmuh il-pulizija kien qalilhom li ma xtaqtx imur minhabba dik it-telefonata li kien irceva fis-sena elfejn u erbatax (2014).

Meta huwa gie hawn Malta ma kienx jaf li l-pulizija se jsaqsih fuq l-istqarrija li kien irrilaxxja. L-Ispettur hariglu l-istqarrija u qallu li kien se jkellmu dwarha. Il-kopja tal-istqarrija tieghu hija gewwa l-Libya d-dar tieghu. Jammetti li fil-fatt kienet il-Pulizija li gabitu hawn biex ittih il-protezzjoni.

Illi nhar id-9 ta' Gunju, 2015 xehed l-**Ispettur Rennie Stivala** u mistoqsi jekk huwa effettivament investigax din it-telefonata li saret lix-xhud, spjega illi x-xhud lilu m'ghaddilux telefonati u ghalhekk l-investigazzjoni tieghu ghamilha kif seta'. Spjega illi x-xhud kien qallu illi effettivament it-telefonata saret

minn Malti u Gharbi, talbu biex jara jekk jaghrafx xi vuci minnhom pero' qallu li ma kien gharaf lil hadd, pero' qallu li kien inkwetat u kien ghalhekk li nforma l-ambaxxata li ma riedx imur ghaliex kien imbezza'.

Mistoqsi jekk huwa bghattx ghall-imputat fuq din l-allegazzjoni spjega illi le, ghaliex huwa ma kellux provi li l-imputat kellu x'jaqsam maghha. U mhuwiex qed jallega illi din it-telefonata ghamilha l-imputat, kieku kellu dan is-suspett kien jibghat ghalih, li m'ghamilx.

Illi nhar it-2 ta' Frar, 2016 xehed l-**Ispettur Rennie Stivala** in kontroezami u spjega li huwa minnu illi l-imputat ghandu hanut fejn ibiegh fost affarijiet ohra munizzjon u armi. Huwa debitament awtorizzat mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jaghmel dan, fil-fatt fl-atti hemm esebita wkoll l-licenzja relattiva. Jaqbel li effettivament l-imputat kien gie avvicinat minn persuna li ghamlitlu ordni bejgh ta' skratac u fil-fatt dan hu kkonfermat fl-istqarrija tal-istess imputat. Fl-istqarrija m'hemmx pero' dak kollu li qalilhom l-imputat ghaliex kienu tkellmu mieghu diversi drabi. Zgur mhux differenti minn dak li qallu waqt l-investigazzjoni. Kienet persuna Ghawdxija li kienet qalet lill-imputat effettivament fejn ghandhom jigu trasportati din l-ordni.

Fil-fatt spjega li l-imputat kien offra hu stess sabiex iwassal dawn l-iskratac lejn il-burdnar ta' Hal Ghaxaq huwa stess,. Dawn l-iskratac kienu jinzammu fil-barracks tal-armata gewwa l-Mosta. Iz-zmien ta' meta sehh dan l-allegat reat u cioe' f'Awwissu two thousand and twelve (2012) il-ligi kienet tipprovdi illi persuna seta' jzomm sa tnax (12)-il elf skartocc fil-hanut tieghu. Pero' din it-transazzjoni kienu qeghdin jitkellmu fuq aktar minn mitt elf (100,000) skartocc u kien ghalhekk li kellu jigborhom minn Fort Mosta u fil-fatt hemm

il-lista tas-suldati kif effettivament ingabru dawn l-iskratac fuq medda ta' jumejn (2) jew tlieta (3).

Dak iz-zmien persuna bhas-Sur Azzopardi seta' jimporta skratac u jzomm biss fil-hanut tieghu tnax (12)-il elf. Il-bilanc kellu jigi storjat il-Mosta ghand l-armata u ghalhekk huwa minnu li s-Sur Azzopardi importa dawn l-iskratac b'mod legittimu, zammhom fil-barracks tal-Mosta taht il-kustodja tal-armata u meta waslet l-ordni mar gabar l-ammont skont l-ordni.

Spjega li s-Sur Azzopardi ta wkoll ricevuta bil-VAT skont il-bejgh li huwa ghamel. Pero' xorta m'huwiex bejgh licenzjat ghaliex ma setghax ibigh aktar minn hames t'elef (5,000) skartocc lill-persuna wahda u lanqas lil persuna li kien bhala dealer bhalu ma jistax jitrasferilu aktar minn tnax (12)-il elf f'okkazjoni wahda u dawn huma l-imputazzjonijiet u cioe' n-nuqqasijiet li ra fil-konfront tal-imputat. Huwa minnu illi l-imputat kellu registri ta' dak li kien effettivament ibigh, pero' spjega wkoll illi dan il-bejgh ma kienx miktub fir-registru tieghu.

Jaf illi Michael l-imputat qallu meta staqsih jekk il-persuna li min kien se jbigh staqsih ghandux licenzja qallu li ma staqsiehx u ma jsaqsi lil hadd din id-domanda u huwa qal lill-imputat jekk hu kienx konxju li skont il-licenzja hu ghandu obbligu biex isaqsi jekk il-persuna ghandhiex licenzja. Ix-xhud qal li l-imputat kien wiegbu li skratac tal-kacca huwa ma jiktubhomx u huwa fehem li hija kwistjoni generali u qallu kwazi kwazi li hija konstitudini li anke jekk jigi tifel ta' kaccatur huma jtuh l-iskratac u naturalment dina kienet l-impressjoni tieghu.

Huwa ma jiftakarx li ssemmiet il-GRTU waqt il-konversazzjoni li kellhom. Jaf illi Michael kien semma' li effettivament jista' jkun Peter Paul Zammit waqt il-konversazzjoni li kellhom pero' xejn aktar ma jiftakar. Spjega li effettivament dak hu li rrizultalu mill-istqarrija tal-imputat, fil-fehma tieghu l-persuna li ghamlet din l-ordni kienet persuna Gharbija pero' titkellem bil-Malti. Fil-fatt qallu wkoll li kien ghamel xi seba' (7) telefonati c-cellolari b'numru Gharbi biex ghalaq din it-transazzjoni. Michael qallu li fil-fehma tieghu dejjem tkellem mal-istess persuna. Michael lilu ma qallux x'tip ta' Gharbi kien.

Huwa minnu illi ma jirrizultalux li l-imputat kien involut fuq l-esportazzjoni tar-Red Bull minn Mark Agius l-Ghawdxi ghal Khalil. Ma jistax jghid jekk kinitx decizjoni ta' Khalil jew Mark Agius li effettivament il-*pallets* inkwistjoni jitpoggew fl-istess *container* mar-Red Bull. Ghax effettivament fl-istqarrija ta' Michael Azzopardi jirrizulta li kien hu stess li rrizulta li nizzel dawn il-pallets ghand il-burdnar Hal Ghaxaq.

Spjega li bla dubju ta' xejn dawn l-iskratac jittiehdu ghand burdnar biex jigu esportati u wiehed irid jiftakar ukoll illi dawn gew mixtrija minn persuna barranija. Mistoqsi minn fejn jirrizultalu li effettivament dawn l-iskratac kienu sejrin ghall-Jamaharija Libjana spjega li lilu rrizultalu illi l-imputat qallu li l-persuna li xtrathom kellha accent Gharbija li wara li tkellem ma' Mark Agius li kien qallu li ghandu xi xoghol ghal-Libya kien hu li offra li johodhom ghand il-burdnar Hal Ghaxaq. Mark Agius tkellem diversi drabi ma' Michael Azzopardi. Il-persuna li xehdet hawnhekk qalet li effettivament ix-xoghol kien ghal-Libya.

Mill-istqarrija tal-imputat huwa ma jafx min effettivament hallsu ghal dan in-negozju. Mistoqsi jghid kif effettivament Michael Azzopardi kien jaf li Khalil huwa persuna nazzjonalita’ Gharbija, Libjana u li effettivament il-munizzjon kien dirett lejn il-Libya. Spjega illi Khalil xehed f’dawn il-proceduri u spjega t-transazzjonijiet u l-komunikazzjonijiet li huwa kellu mal-imputat. Hemm l-istqarrija tal-imputat li jghid li huwa kellu xi seba’ (7) telefonati ma’ Khalil dwar din l-istess transazzjoni, l-investigazzjoni li ghamel hu fejn Michael spjega li huwa tkellem kemm ma’ Mark Agius kif ukoll ma’ Khalil u wasal ghall-konkluzjoni li kellu jasal Hal Ghaxaq ghand il-burdnar b’din il-munizzjon biex jitghabba max-xoghol ta’ Mark Agius biex imur ghand il-klijent il-Libya u filfatt effettivament Michael Azzopardi u Mark Agius kienu marbutin bil-hin ghaliex effettivament din il-merkanzija kellha titghabba fuq vapur partikolari li kien tielaq f’gurnata partikolari.

Mistoqsi kif irrizultalu jekk Khalil effettivament huwa parti minn li jassisti lill-entitajiet li direttament jew indirettament qeghdin jghinu l-Gam, huma affiljati jew kontrollati mill-Gamaharija Libjana Gharbija. Il-*board* li jiehu hsieb is-sanzjonijiet tal-Libya jinterpreta kull negozjati ma’ kull cittadin Libjan li tkun qed tikser dawn il-kundizzjonijiet u cioe’ s-sanzjonijiet. Mistoqsi min hu l-board spjega li ma jafx, il-kompozizzjoni tal-board ma jaf xejn dwarha. Jaf li tkellem ma’ zewg (2) min-nies li jpoggu fuq dan il-board. Lilu hadd ma qallu li effettivament il-munizzjon li huwa ntiz ghal sporting activities huwa ezentat mis-sanzjonijiet. Fil-fatt is-sanzjonijiet jinkludi kull taghmir li jista’ jintuza ghal ghan tal-gwerra u din tirrizulta mis-sanzjonijiet.

Mistoqsi jekk jafx x’jghid il-legal notice 105/2011 li cioe’ *ammunision used ... purposes* hu ezentat spjega li bl-amment ma jistax jghid. Jaqblu li dawn l-

iskratac inkwistjoni jistghu jintuzaw ghall-kacca. Jaqbel li effettivament jistghu jintuzaw biex joqtlu l-ghasafar pero' jistghu joqtlu n-nies ukoll.

Illi nhar il-25 ta' Frar, 2016 xehed **Joseph Attard** u spjega li huwa jokkupa l-kariga ta' Kap Ezekuttiv tal-Green MT li hija s-sussidjarja tal-GRTU u mill-ewwel ta' Jannar tas-sena elfejn u sitta (2006) sal-ahhar tal-elfejn u tmienja (2008) kien jahdem bhala Konsulent mal-GRTU u dana f'diversi setturi.

Mill-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elfejn u disa' (2009) 'l quddiem gie mpjegat bhala Kap Ezekuttiv tal-Green MT fuq bazi full time, izda sal-ahhar tal-elfejn u s-sena elfejn u tlettax (2013) kienu joperaw mill-istess ufficini tal-GRTU. Minbarra li kellu l-ambitu tal-Green MT kien jiehu hsieb diversi setturi fi hdan il-GRTU. Ilum hu Kap Ezekuttiv tal-Green MT u jiehu hsieb biss id-distribuzzjonijiet tal-gas.

Mistoqsi jekk kienx ha sehem fit-tahdidiet li jwaslu biex inbidlet il-ligi dwar l-importazzjoni ta' certu armi wiegeb iva kien prezenti u bhala GRTU wahda mill-istituzzjonijiet li kellhom u ghad ghandhom illum hija l-Gun Dealers u f'dak iz-zmien kienu ghamlu diversi diskussjonijiet. Kienu talbu sahansitra diversi diskussjonijiet ghall-kambjament li kien hemm ghal-ligi fl-Arms Act. Mieghu prezenti kien hemm Vince Farrugia l-avukat tal-GRTU, Steve Petroni kienu *team* u kienu jiltaqghu ma' Peter Paul Zammit u ufficjali ohrajn.

Huma kienu talbu kjarifika peress li l-membri taghhom dak iz-zmien riedu jkunu jafu dwar l-armi l-godda kif kienet thares lejhom l-Arms Act fis-sens li jekk il-ligi l-gdida kinitx se thares lejn l-armi l-godda, cioe' biex jaraw x'tip ta' obbligi se jkollhom id-*dealers* minhabba l-munizzjoni l-gdida. Il-ligi fil-fatt kienet ghadha kif ghaddiet.

Spjega li d-diskussjonijiet li saru dak iz-zmien sal-lum ghadda z-zmien pero' li hu cert huwa li l-kjarifiki l-godda li nghataw mill-awtoritajiet dejjem kienu jirrigwardaw armi godda li jissemmew fl-Arms Act. Waqt id-diskussjonijiet l-iskratac per se ma kinux jissemmew. Rigwardanti l-iskratac huma ma taw l-ebda direttivi lill-membri taghhom u dan ghaliex ma kinux jiffurmaw parti mid-diskussjonijiet u jekk kien hemm xi prassi fil-passat l-istess prassi kellha titkompla. Mistoqsi x'kienet il-prassi fil-passat spjega li ma jafx, huwa mhux bniedem tekniku u jghid b'certezza illi waqt id-diskussjonijiet mal-awtoritajiet din il-kwistjoni ma tqajmitx u bhala GRTU qatt ma hargu xi direttivi differenti. Il-kjarifiki li kienu talbu l-membri taghhom meta avvicinaw lill-GRTU ma kinux jirrigwardjaw kwistjonijiet ta' skratac per se. Kienu jirrigwardaw it-tipi ohra ta' armi li jaqghu taht l-Arms Act. Diskussjonijiet dwar skratac qatt ma kien hemm waqt li kien prezenti hu.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontro-ezami mistoqsi jispjega x'kienu l-armi l-godda, qal li l-kjarifiki kienu fuq revolvers, *stand guns* u huma armi li effettivament ma jiehdux skratac. Spjega wkoll li kien hemm xi kjarifiki dwar pussess ta' armi antiki. Mistoqsi jekk jafx illi l-Arms Act tkopri wkoll snieter perezempju tal-kacca, spjega li le mhuwiex. Mhuwiex konxju li l-Kap. 480 jkopri wkoll snieter u l-obbligi taghhom. Ghalhekk spjega li struzzjonijiet u kjarifiki dwar armi bi skratac huma ma tawx.

Illi nhar it-12 ta' April, 2016 xehed **il-PL Peter Paul Zammit** u spjega li huwa familjari naturalment mal-ligi tal-armi. Spjega li kien hemm tibdil shih fil-ligi rigward l-armi. Fil-fatt huwa kapitlu gdid ma baqax l-Arms Act, minn Chapter 66 sar ic-Chapter 480. Spjega li kien hemm diversi ghanijiet fosthom li kien hemm bzonn ta' regolamentazzjoni gdida rigward l-armi, l-uzu

taghhom u l-koplessivita' ta' kummerc relatat maghha u ghalhekk bdew qafas u l-Kap. 480 tah spinta biex isiru regolamenti tahtu li jirregolarizzaw diversi aspetti ta' din il-ligi fosthom il-kacca u l-uzu ta' armi ghall-isports. Partikolarment li dahal gdid huwa l-uzu tal-armi small fire arms u rifles ghal dak li huwa sports.

Il-ligi qabel ma kinitx tipprovdi ghal dawn it-tip ta' armi izda kienet indirizzata l-aktar lejn il-kacca. Li dahal gdid huwa l-kapacita' li jkollhom armi ta' kalibru zghir ghall-ghanijiet diversi minn dik ta' kacca b'mod partikolari li tkun tista' tohrog bihom barra mid-dar u tmur fuq ix-shooting ranges, fejn qabel persuna seta' jkollu arma ta' kalibru zghir pero' ma setghax juzahom. Permezz ta' din il-ligi hemm l-uzu adegwat ta' dawn l-armi.

In regola dwar il-munizzjon il-ligi baqghet piu' o meno fl-istess ambitu li kienet b'dan illi l-kontroll tal-munizzjon isir b'zewg metodi. Primarjament ghal dak li jirrigwarda component u cioe' l-partijiet separati li jaghmlu munizzjon, il-kontroll kien fuq il-porvli gun powder. Seta' kellek miljun ta' component pero' l-gun powder kellu jkun limitat. It-tieni parti kienet iz-zamma ta' munizzjon lest li kien massimu originarjament sa hames t'elef u insegwitu inzdied. Kien hemm il-hsieb li jkun hemm regolamentazzjoni partikolari dwar l-ikkargar tal-munizzjon pero' ma dahlitx. Meta sar dan it-tibdil jaf li kien hemm diversi laqghat b'diversi nies li ppartecipaw fid-diskussjonijiet.

Huma spjegaw il-hsieb tal-legislatur il-ligi kif saret u dan rigward l-armi godda li kienu se jitpoggew fuq is-suq u kif ukoll dwar il-munizzjon. M'huwiex minnu l-iskratac tas-snieter setghu jinxtraw liberament minn fuq is-suq qabel ma kien hemm tibdil tal-ligi. Dejjem kien hemm limitazzjoni.

Kienet l-istess limitazzjoni ta' control bhala component u porvli bhala finished article l-munizzjon li kien se jigi sparat. Kien hemm numru relattiv ghal kull persuna u ghall-hwienet. Kienu indikaw illi effettivament kien hemm tibdil dwar il-kwantitajiet ta' munizzjon, kif ukoll indikaw il-kwalitajiet godda li setghu jidhlu skont il-licenzja tal-armi bil-fatt partikolari li meta jigu biex ibieghu jistghu jbieghu biss lil min ghandu licenzja skont it-tip ta' arma u l-munizzjon relattiv. Perezempju jekk dan ghandu licenzja ghall-arma nine millimetre (9mm) ma jistghax ibieghlu thirty-two millimetre (32mm).

Jaf li kien hemm talbiet sabiex jizdiedu l-ammonti relattivi ta' zamma kemm fil-hwienet kif ukoll f'postijiet attrezzati pero' l-ligi kienet ghadha kif inhi. L-idea kienet li se jmorru ghal dawn l-affarijiet peress li kien hemm zviluppi f'hafna aspetti pero' din m'ghadditx. Spjega li x'fehmu n-negozjanti ma jistax jghid, pero' fil-fehma tieghu kienet cara illi kien hemm limitazzjoni kif espressa fil-ligi u li jridu jimxu maghha. Ir-registrazzjoni tal-iskratac tal-kacca kienet aktar libera u dan ghaliex l-iskartocc ghandu diversi tipi ta' pallets go fih differenti mill-munizzjon li huwa bullet. Filwaqt li jista' jkollok skartocc tal-kacca li juza diversi tipi ta' pallets u ghalhekk il-projectile tieghu huwa differenti, fil-kaz tal-armi l-ohrajn ha tohrog arma wahda b'qies wahda u ghalhekk il-munizzjon dwar il-pistoli, rivotelli u rifles kellha tkun relatata mal-licenzja specifika.

Ir-regoli rigwardanti l-munizzjon ghas-snieter kwazi kwazi baqghet bla mittifsa. Spjega li r-regolamenti dwar is-snieter baqghu bla mittifsa, dwar snieter u munizzjon tas-snieter. F'dan il-kuntest Chapter 66 u 408 baqghu kwazi l-istess u dan biex ma joholqux pandemonju fis-suq u t-tibdil isir bil-mod. Spjega li fil-laqghat naturalment kien hemm diversi mistoqsijiet.

Il-Kap. 480 dahal fis-sehh bejn wiehed u iehor two thousand six (2006), two thousand seven (2007). Mistoqsi jekk kienx hemm bzonn ghall-permess biex tixtri skratac spjega li din kienet wahda min-nuqqasijiet fil-ligi ghaliex ma kienx hemm regolamenti ad hoc illi dawn l-iskratac ma jinbieghux, kienet biss il-prattika li tirregola dan il-punt fis-sens li kien hemm zewg kontrolli ta' porvli u ta' ammont ta' skratac li wiehed seta' jzomm id-dar. Il-porvli pero' kien strettament marbut mal-licenzja tal-kacca ghalkemm l-iskratac per se ma kinux daqshekk marbutin. Pero' in prattika naturalment uriet hag'ohra ma kienx hemm bzonn ta' registrazzjoni ghall-iskratac qabel skont il-Kap. 66 u ghall-porvli kien hemm bzonn ta' registrazzjoni.

Ghar-rigward tal-Kap. 480 bhala deskrizzjoni ta' munizzjon, il-munizzjon huwa dak li huwa lest biex jispara mhux dak b'referenza ghall-components. Meta jitkellmu fuq arma kull parti tal-arma b'mod separat ikun trattaha daqs li kieku l-arma kienet wahda shiha u din hija fid-definition clauses u dan huwa b'mod specifiku ghaliex hawn min hu kapaci li jzarma arma fi ftit sekondi u ghalhekk seta' jahrab mill-ambitu legali. Pero' fil-kaz tal-munizzjon dan m'huwiex possibbli u ghalhekk il-munizzjon per se li qed titkellem dwaru l-ligi huwa l-munizzjon li huwa lest biex jigi sparat. Pero' dak li jirrigwarda diversi components tal-munizzjon kellu jigi regolarizzat b'ligi in segwitu li ma saritx.

Skont il-Kap. 480 skartocc tal-kacca huwa munizzjon, naturalment jekk ikun lest biex jispara. Il-ligi Kapitlu 480 ma taghmel l-ebda distinzjoni dwar munizzjon ta' pistola u munizzjon ta' senter, il-munizzjon huwa wiehed.

Illi nhar it-12 ta' April, 2016 xehed **Stephen Petroni** u spjega li huwa kien membru fil-Weapons Advisory Board u llum il-gurnata huwa l-Weapons

Board u dan mill-bidu nett tieghu u huwa kien membru sal-elfejn u tlettax (2013). Mistoqsi jekk huwa ghandux il-minuti tal-laqghat li kienu jzommu bhala *board* spjega li le dawna jinzammu mis-segretarja u dana s-segretarja mbidlet diversi drabi. Meta kien hemm il-Weapons Advisory Board, il-ligi l-gdida kienet ghadha ma gietx fis-sehh u xoghlu kien sabiex jipprepara t-triq biex wara johrog il-ligi. Dan kien jaqa' taht il-Ministeru tal-iSport u Kultura. Is-segretarju jew is-segretarja dejjem kienet tkun impjegata ta' dak id-Dipartiment.

Meta nholoq il-Weapons Board dana kien fl-elfejn u sitta (2006) u dak iz-zmien is-segretarju taghha kienet Rhona Baldacchino li kienet impjegata tal-Ministeru tal-Affarijiet Interni u ghalhekk il-ligi kienet diga' giet mibdula. Huwa kien involut mill-bidu nett fit-tahdidiet li kienu ghaddejjin biex tinbidel il-ligi. Bazikament meta l-ligi l-gdida kienet se tidhol fis-sehh kienu se jidhlu f'Malta ghall-ewwel darba kategoriji ta' armi li ma kinux permessi. Il-Ministru dak iz-zmien li kien l-Onorevoli Tonio Borg ... li fid-*drafting* tal-ligi taghhom ma jkunx hemm impatt fuq armi li kienu diga' jinsabu fis-suq lokali u naturalment il-munizzjon taghhom *scheduled* fil-ligi taghhom. *Ammunitions* taqa' taht l-istess *schedule* tal-arma stess u allura nholqot it-*target shooting licence A* u t-*target shooting licence B*. B kellha tkun ghall-kategoriji li diga' kienu ezistenti hawn Malta. Fil-*licence A* kienu ghall-armi mill-Iskeda II biex ikunu specifici kienu *rifles, pistols* u *revolvers*. Fil-kategorija B baqghu l-armi li kienu diga' hawn Malta hafna minn snin qabel ix-*shotguns, airguns, muzzle loaders* dawn jinsabu fil-*licence B.*

Id-differenza bejn dawn iz-zewg licenzji hija wahda cara hafna. Il-*licence A* kien hemm dejjem limitu ta' ghaxar (10) bicciet *maximum ammunition* ukoll, pero' taht il-*licence B* ma kienx hemm dak il-limitu u dan ghaliex il-licenzja

kienet se tinghata lil dawk in-nies li ga kellhom aktar armi minn dik stabbilita bhala kwantita' u ghalhekk giet akkomodata b'dik il-manjiera u ghalhekk fil-*licence B* hemm ix-*shotguns* u l-*ammunition* taghhom u l-ideja kienet sabiex ma jkunx hemm limitu kemm fuq l-armi kif ukoll fuq l-*ammunition* taghhom. Pero' insegwitu giet ippublikata l-ligi.

Ghalkemm il-ligi hija tat-*two thousand and five* (2005) dahlet fis-sehh fit-*two thousand and six* (2006) meta gew ppublikati l-Arms Licensing Regulations u cioe' Legal Notice 177 u issa hemm fil-ligi d-definizzjoni tal-*ammunition*. *Ammunition* huwa *the assembled components* kemm ghall-pistoli, ghar-*rifles* u ghas-snieter cioe' dak li huma lesti biex jigu sparati. Fil-fehma tieghu u mill-*understanding* li kellu li kien gara dak iz-zmien illi fuq l-armi s-sitwazzjoni kienet cara daqs il-kristall, fuq ix-*shotguns* ma kien hemm l-ebda limitu waqt li fuq l-*ammunition* fil-perjodu inizjali kien hemm l-*ammunition* tax-*shotguns* ma taqax taht *ammunition*. Ghalkemm din hija kontradizzjoni ghal-ligi ghaliex il-ligi tipprovdi mod iehor pero' ma kienx hemm insistenza fuqu l-*ammunition*. Din id-differenza bdiet tidher aktar tard. Meta jghid ma kienx hemm insistenza, spjega li min-naha tal-pulizija.

Il-pressjoni u cioe' l-*understanding* li kien hemm fil-Weapons Board kienet illi dak illi jirrigwarda l-pussess ta' *ammunition* li jirrigwarda s-snieter ma kienx hemm limitu fuqu. Ma nbidel xejn u l-*understanding* baqghet hemm anke wara li nbidlet il-ligi pero' ma jistax jghid ta' liema sena ghalkemm dan ma kienx suggett li gie diskuss spiss pero' dejjem kien hemm l-idea illi dak li ghandu x'jaqsam mas-snieter u cioe' mal-kacca d-decizjoni politika kienet illi dak li ghandu x'jaqsam mal-kacca ma jintmissx. Cioe' dak li ghandu x'jaqsam mal-pussess tal-*ammunition* ghall-kacca ma jintmissx u kif ukoll il-bejgh ma

jinbidel xejn. Pero' aktar tard f'xi stadju l-pulizija bdiet tinsisti li l-*ammunition* jinkludi x-*shotgun shells*.

Il-problema fil-ligi hija li ma hemmx distinzjoni bejn *ammunition* u dak li suppost jissejjah *shotgun shells*. Ukoll ricentement kien hemm xi ammendi li ddahhlet it-*term shot and brass - brass ammunition* li teknikament ma tfisser xejn. Huwa spjega li ilu nieqes mill-Weapons Board mis-sena elfejn u tlettax (2013). Din ma kienx hemm xi *policy* u giet *minuted* u ghalhekk kien hemm xi decizjoni, kien hemm lacuna f'xi stadju l-pulizija ddefinixxewh. Lacuna fis-sens li mill-att tal-ligi hija cara li *ammunition* jinkludi wkoll *shotgun shells*, pero' mill-att l-iehor cioe' l-amministrazzjoni tal-ligi din ma gietx infurzata u kien hemm qisu *understanding*. Madanakollu ma kienx li jikkomunika mat-terzi persuni tal-Weapons Board izda mal-Ministru jew l-Kummissarju u dan ghaliex l-irwol tieghu kien wiehed ta' *advisory* li jaghti parir.

Membri tal-Weapons meta jigu mistoqsija mill-individwu jaghtu l-fehma taghhom, ta' dak li kien gie deciz. Fuq dan is-suggett lilu hadd qatt ma staqsih xejn. Mistoqsi jekk kienx hemm xi hadd li staqsih jekk inbidlitx is-sitwazzjoni dwar il-munizzjon spjega illi ma kienx hemm diskussjoni fil-Board u li harget mill-Board. Dik id-diskussjoni qatt ma kien hemm.

Qal li effettivament hija d-data meta l-pulizija hadu d-decizjoni li jirregistraw l-iskratac u ma kinitx kwistjoni l-pulizija qalu minn hawn il-quddiem kienu ha jatwawha. Jaf li waqt diskussjoni fejn qed tissemma' l-*ammunition* huwa l-ewwel darba sema' li kienu qeghdin jinkluduh taht dak il-limitu. Id-diskussjoni li kien hemm hija relevanti hafna. Ahna kellna issue dwar l-istorage tal-*ammunition* u cioe' il-limitu /kwantita' li jista' jigi mizmum minn *dealers* u mill-individwi kien hemm hafna protesti dwaru ghaliex ma kinitx

figura realistika u ghalhekk kien hemm *lobbying* kemm min-naha tal-*clubs* kif ukoll min-naha tad-*dealers* biex dik il-figura tizdied u fil-fatt zdiedet ghaliex kien hemm Legal Notice li kienet ziedet dak l-ammont.

L-istess xhud fl-istess seduta in kontroezami mistoqsi jekk jaqbilx illi bniedem ma jistax jixtri l-*ammunition* minghajr licenzja spjega li iva jaqbel. Huwa *dealer* tal-armi wkoll. Huwa ma jitrattax armi li ghandhom x'jaqsmu mal-kacca. Il-linja tieghu hija kwazi kwazi kollox li m'ghandux x'jaqsam mal-kacca. Skont il-Kapitlu 480, bniedem ghandu bzonn licenzja biex jixtri munizzjon ghas-snieter tal-kacca. Bil-ligi hemm klawsola li tghid illi bniedem irid jipprezenta kopja tal-licenzja tal-armi u inti trid tbieghlu *ammunition* ghall-arma li huwa ghandu fil-pussess tieghu. *Dealer* ghandu r-responsabbilta' li jitlob il-licenzja ghal min qed jitlob biex jixtri l-*ammunition*. Ghalekk jekk m'ghandux licenzja ma jistghux ibieghlu. Mistoqsi jekk qattx bhala *dealers* talbu l-Kummissarju tal-Pulizija jekk jistghux ibieghu skratac minghajr ma persuna jkun kopert b'licenzja spjega illi personalment m'ghandu l-ebda amment dwar dan. Ma jafx li qatt giet diskussa kwistjoni bhal din fil-Weapons Board sakemm kien prezenti hu. Il-ligi hija cara f'dan ir-rigward. Il-ligi dejjem kienet tipprovdi illi kien hemm massimu ta' *five thousand* (5,000) *rounds* dwar skratac. Naturalment dana ai fini ta' persuni li kienu licenzjati.

L-istess xhud fl-istess seduta in ri-ezami spjega li din hija s-sitwazzjoni *post-vamp* tal-ligi li giet adoperata.

PL Peter Paul Zammit, ri-prodott, rega' xehed nhar il-21 ta' Frar 2017 fejn iddikjara li meta ghamlu l-emendi fil-ligi l-idea kienet illi jkunhemm ligi bazika bhala qafas u minnha johorgu subsidiary legislations kif ukoll fil-fatt sehh u dan hu l-messagg li huma ghaddew lill-poplu kollu fis-sens ta'

importaturi u dealers tal-armi u l-pubbliku. Kellhom problema akbar fis-sens li kellhom jghallmuhom dwar l-edukazzjoni u l-uzu tal-armi. Huma pero' fl-ebda hin ma qalu lid-dealer li ma kellhomx ghalfejn jottemperaw ruhhom ma' dak li tghid il-ligi fir-rigward ta' skratac. Ma setghux jaghtu bniedem jifhem dan ghaliex huma taw l-idea illi ser ikun hemm legislazzjoni ulterjuri biex jidhlu fis-sehh, naturalment wara diskussjonijiet li kellhom isiru mal-partijiet koncernati.

Qabel ma dahal l-Arms Act l-obbligu fuq id-dealer rigward skratac kien li kien hemm ammont stabbli ta' zamma dwar skratac kif ikun hemm ukoll ammont stabbilit dwar porvli. Wiehed irid jaghmel distinzjoni bejn skratac armati u skratac zarmati bi tlett (3) components. Fuq il-component kellhom biss kontroll fuq il-provli u ghall-ammont ta' porvli. Mistoqsi x'kien l-obbligu fuq id-dealer meta jigi biex ibiegh skratac qabel ma dahal l-Arms Act, wiegeb li dwar skratac per se legalment ma kien hemm l-ebda obbligu fuq id-dealer. Kien hemm obbligu fuq id-dealer dwar il-porvli biss. Skratac maghrufa bhala Reload huma skratac li jkunu diga' intuzaw, tinqalghalhom il-kappa ta' wara u jergghu jintuzaw mill-gdid. Speci recycle u fuq dawk ma kien hemm l-ebda restrizzjonijiet u dan ghaliex kienu reload.

L-imputat ma xehedx f'dawn il-proceduri pero' kien irrilaxja stqarrija a tempo vergine ta' l-investigazzjoni nhar it-22 ta' Awwissu, 2012 fejn kkonferma li ghandu hanut mgharuf bl-isem 'Ta' Magru Gun shop' fejn ibegh affarijiet tal-pet shop u ta' armi u skrataxx. Dan ammetta li kien cempillu xi persuna b'nazzjonalita Gharbija u talbu jekk kellux ghal bejgh numru sostanzjali ta' skratac. Qallu li kellu u talbu €10 ghal kull kaxxa pero waslu fi ftehm li kien ser ihallas €8.65 il-kaxxa. Qal li kienu ftiehmu fuq ammont kbir ta' 113,500 skartocc ghal prezz ta' €38.900. Qal li wara li kkonkluda dan in-negozju kien

cempillu Malti biex imur jigbor il- merkanzija pero’ huwa qallu li ma kellux fil-hanut dik il-kwantita’ kollha u li ghalhekk kellu imur jigborlu l-merkanzija minn Fort Mosta.Qal li hekk ghamel – mar darbtejn jigbor il-merkanzija u mar ihott go bitha Hal Ghaxaq ta’ Abela skond ma talbu dan il-Malti. Qal li l-persuna li xtrat l- iskratac minghandu ma jafhiex u kellimha biss fuq it-telefon u fil-fatt lanqas talbu jara l-passaport tieghu qabel u jghid la lilu u lanqas lil haddiehor. Qal li huwa qatt ma jitlob ghal xi licenzja meta jigi biex ibiegh skratac.

Jghid li appena sari l-bejgh u kkonsenja tal-merkanzija huwa hareg VAT receipt u kiteb l-ammont ta’ €38,000 rapprezentanti cartridges. Qal li huwa thallas cash b’noti ta’ mitt ewro go borza tal-BOV u li tali noti dehru li kienu godda. Jghid li din il-persuna regghet cemplitlu biex jara jekk kellux aktar skratac pero’ qallu li ma kellux. Mistoqsi jekk kienx jaf kif kienu ser johorgu minn Malta u jigu esportati lejn il-Libya wiegeb li ma jafx u fil-fatt zied jghid li lanqas kien jaf li kienu ser johorgu mill-pajjiz. Jghid li huwa kellu x’jaqsam biss mal-bejgh u biex iwassalhom sal-post destinatarju.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija pprezentata fl-atti nhar id-9 ta’ Gunju 2017 u dik prezentata mill-imputat nhar l-24 ta’ Settembru 2017.

Semghet lill-partijiet jitolbu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha fuq il-provi imressqa u dana fis-seduta tal-24 ta’ Ottubru 2017.

**Ikkunsidrat.**

Bhala fatti jirrizultaw is-segwenti:

1. Illi fix-xahar ta' Awwissu 2012, l-imputat kien gie avvicinat minn persuna ta' nazzjonalita Gharbija u dan sabiex jixtri minghandu ammont ta' skratac 12 gauge.
2. Illi l-imputat kien dahal fi trattattivi f'dan in-negozju tant li anke l-prezz gie diskuss u ridott ghal prezz ta' €8.65 ghal kull kaxxa ta' 25 skartocc.
3. Illi jidher li Mark Agius kien gie mibghut minn dan l-Gharbi sabiex jaghmel il-pagament dovut.
4. Agius li xehed f'dawn il-proceduri jghid li kien jinnegozja ma' dan l-Gharbi li gie identifikat minnu bhala Khalil Sadegh Arrust tant li kien anke ftiehem mieghu li ibieghlu ammont sostanzjali ta' l-energy drink red bull.
5. Jidher li Agius accetta ukoll li jghabbi dan ix-xoghol li Arrust kien xtara minghand l-imputat flimkien mal-merkanzija li Arrust kien xtara minghandu u cioe' l-energy drink Red Bull u xi toiletries.
6. Illi Agius ukoll kien responsabbli sabiex jibghat il-container b'din il-merkanzija kollha gewwa l-Libja skond l-istruzzjonijiet li kien ser itih dan l-istess Arrust.
7. Sabiex dan kollu jattwa ruhu l-imputat kien offra li jghabbi l-merkanzija ta' skratac li Arrust kien xtara minghandu u li ha minn gewwa l-Fort Mosta fejn kienu jinzammu l-iskratac f'kwantita kbira u iwassalhomlu sal-bitha fejn kien hemm il-merkanizja l-ohra li kienet ser titghabba.
8. Jidher li l-imputat ghamel zewg vjaggi bil-merkanizja skratac minn gewwa l-Mosta ghal bitha ta' Abela Brothers ghal Ghaxaq. Waqt dan it-tragitt Mark Agius saq wara l-imputat u meta waslu fid-destinazzjoni Hal Ghaxaq l-imputat nghata is-somma ta' €38,900 u tah ukoll ricevuta fiskali.

9. Jirrizulta li Abela ma riedx jghabbi din il-merkanzija ta' skratac u talab lil Agius sabiex imur jigbru lura ghaliex kien ser jitfaghulu barra il-bitha u ghalhekk dahal fl-istorja Joseph Zammit, burdnar maghruf bhala ix-Xandarett, u dan sabiex jigbor ix-xoghol minghand Abela u jiehu hsieb l-esportazzjoni hu stess.
10. Zammit xehed f'dawn l-atti u spjega li Agius kien talbu sabiex jahbi dawn l-iskratac f'nofs il-merkanzija tar-Red Bull ghaliex dan ma kienx xoghol dikjarat mad-Dwana u dan bil-ghan li x-xoghol jigi mohbi.
11. Zammit beda jaghmel dan u waqt li kien qed jghabbi ix-xoghol kienu marru fil-bitha numru ta' ufficcjali tad-Dwana sabiex jinvestigaw rapport li kellhom dwar din il-konsenja.
12. L-ufficcjali tad-Dwana sabu din il-konsenja ghalkemm mhux fil-bitha fejn l-imputat kien ha din il-merkanzija u ghamlu r-rapport taghhom u infurmaw lill-pulizija b'dak li kien gara u li kienu effettivament sabu fuq is-sit.
13. Jidher mid-dokumentazzjoni esebita fl-atti a fol 75 sa 80 li ix-xoghol li biegh Azzopardi ma kienx xoghol dikjarat minn Agius Services Limited u ghalhekk ma setax jitlaq minn Malta u jmur ghand Khalil Arrust id-destinatarju.
14. Jidher li Agius ma kienx jaf wisq lil Azzopardi u kien Khalil li kien ta in-numru ta' l-imputat lil Agius sabiex ikunu jistghu jikkomunikaw bejniethom dwar in-negozju.
15. Illi ma jirrizultax mill-atti li l-imputat kien jaf li l-merkanzija li huwa gabar minn Fort Mosta kienet ser tohrog mill-pajjiz.

Dwar dawn il-fatti *ut sic* ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni.

Illi pero' punt importanti li jidher li huwa in kontestazzjoni u huwa l-pern kollu tal-kwisjtoni hu jekk l-imputat kienx jaf li l-merkanzija skratac kienet ser tohrog barra mill-pajjiz u dan stante n-natura tal-akkuzi. L-imputat kemm fl-istqarrija tieghu kif ukoll fin-nota ta' sottomissjonijet tieghu jghid li ma kienx jaf li l-iskratac kienu serjrin barra minn Malta u ma kellu x'jaqasam xejn ma' din il-materja ta' esportazzjoni.

Huwa d-dover tal-prosekuzzjoni li tipprova il-kaz taghha lil hin minn kull dubbju dettat mir-raguni u l-imputat ma ghandu ghalfejn jaghmel xejn sabiex jipprova l-innocenza tieghu u jista' jistrieh biss fuq il- provi prodotti.

F'dan il-kaz fl-ewwel lok il-prosekuzzjoni akkuzat lill-imputat bir-reat kif dispost fl-**Artikolu 48A tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' ir-reat ta' assoccjazzjoni.

**48A.(1)** "*Kull min f'Malta jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmel delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, u li ma jkunx delitt taħt l-Att dwar l-Istampa, ikun ħati tar-reat ta' assoċjazzjoni biex jagħmel dak ir-reat*".

F'dan ir-reat il-prosekuzzjoni ghalhekk trid tipprova li:-

1. l-imputat assocja ruhu ma' persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta .
2. Bil-ghan li jaghmel delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija.
3. Liema delitt ma jistax jkun delitt taht l-Att dwar l-Istampa.

Illi mill-provi akkweziti jirrizulta li in realta' l-imputat ghamel negozju ma' persuna li fil-fehma tieghu setghet kienet barranija dwar il-bejgh ta' skratac.

Jirrizulta li l-merkanzija mibjugha minnu giet trasportata f'bitha Hal Ghaxaq u li thallas ghaliha u Hareg ricevuta fiskali. Illi bil-provi imressqa ma jidhirx li l-imputat kien involut fl-esportazzjoni taghhom kif sahansitra jirrizulta mill-istatement tieghu stess. Il-prosekuzzjoni ma resqet lill-ebda xhud jghid li in effetti l-imputat kien jaf li ser jigu trasportati. In fatti meta kienu qed jigu mghobbija lanqas biss kien prezenti fil-bitha fejn sahasnitra spiccat il-merkanzija u cioe' ghand Zammit. Jirrizulta wkoll li in effetti id-dokumentazzjoni relattiva ghall-esportazzjoni tal-merkanzija li kienet ser titghabba fuq il-bastiment Trivia kienet f'isem Mark Agius – il-Malti li mar u hallas lill-imputat ghall-konsenja. In oltre l-prosekuzzjoni lanqas pprovat li in effetti fil-konfont tal-imputat sar xi assocjazzjoni jew ftehim biex jigi kommess xi reat li ghandu piena ta' prigunerija.

Dwar dan ir-reat din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija fl-ismijiet '**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Omissis, Rida Salem Suleiman Shoaib omissis**'[1] fejn inghad li l-appellant kien korrett meta stqarr li r-reat ta' assocjazjoni ma jezistix f'dak il-kaz. Fis-sentenza intqal li l-gurati gew zvijati mhux mill-Imhallef li ppreseda l-guri imma mill-argumenti imressqa mill-ufficcjal prosekutur fis-sens li jekk il-gurati kellhom isibu htija fil-konfront tal-akkuzat ta' pussess ta' droga f'dawn ic-cirkostanzi misterjuzi, allura l-akkuzat kellu jinsab hati ukoll tat-reat ta' assocjazzjoni. L-imhallef stqarr is segwenti:-

*"U qalilkom il-prosekutur, isma', jien hawnhekk m'ghandix ghalfejn ingib kopja tal-kuntratt, ghax dawn l-affarijiet ma jsirux bil-kuntratt, din hawn isiru by word of mouth, u bl-akbar segretezza w dan ukoll. U li inthom tridu*

[1] Deciza mill Qorti Krminali fil 15 ta Jannar 2009.

*tipprezumu dan il-ftehim mic-cirkostanzi. U qalilhom, mela issa ara x'taghmlu, araw issibuhomx hatja taht it-tieni kap, jigifieri ta' dak il-pussess ta' dawk l-affarijiet dawk is-sapuniet kollha, u jekk issibhom hatja taht it-tieni kap allura bilfors kienu ftehmu dawn. Ghax jekk it-tnejn kienu jafu b'dawk l-affarijiet li kienu taghhom, qed jargumenta [il-prosekutur], mela allura bilfors li kienu ftehmu dawn [ghax] l-affarijiet ma jaqghux mis-sema, ma jigux dsatax-il sapuna jiswew taht l-ghaxart elef lira, jillandjaw hemmhekk...Imma dan kollu jrid jippruvah, u mhux b'dan il-mod, mhux ighidlek, ara kif ser issibu hati fit-tieni kap, u jekk issibu hati fit-tieni kap, il-logika hekk tghidlek. [Imma] hawnhekk kultant ma nimxux bil-logika; hawnhekk ghandna li kull kap tal-att tal-akkuza irid jirrizulta on its own two feet. U mhux issib htija tal-one ghax sibt htija tat-two, mhux dak il-metodu…*"

F'dan il-kaz l-Imhallef stqarr b'mod car u univoku, independentement mill-htija tal-ko akkuzat rigward il-pussess ta' drogi, li l-gurati kellhom jaraw jekk kienx hemm evidenza ta' ftehim. Ex admisses jghid " u ftehim li jkun ghall-anqas wassal ghaliex ikunu "*kkumbinati jew miftehma l-mezzi...li bihom dawk il-persuni ghandhom jimxu*". Dan wara kollox hu bazat fuq ir reat ta' associazioni. Insista lejn il-gurati li:-

"*Tridu taghmlu d-domanda ghal kull wiehed minnhom. Ghandi l-prova li dan kien involut f'xi ftehim ma' xi haddiehor? Ghandi l-prova li t-tieni wiehed kien involut f'xi ftehim ma' xi haddiehor? Hu min hu dak ix-xi hadd iehor. Jista' jkun ko-akkuzat u jista' jkun barrani, jigifieri estranju ghal dawn il-proceduri. Ikun perikoluz, ikun hazin u ma tistghux taghmluh illi ssibu htija ta' l-ewwel kap biss jekk –ghall-grazzja tal-argument qed nghid biss ghalissa – issibu htija tat-tieni kap kif inhu. Ma tistghux tuzaw dak il-kriterju biex issibu htija ta' l-ewwel kap, jekk tkunu sibtu htija tat-tieni kap. Tridu*

*zzomuhom separati u distinti, u kull kap has to stand on its own two feet. Ma jistax jissellef il-provi minn xi kap iehor. Ghal lanqas dik hi d-direttiva li qed intikom, biex dan il-kaz jekk is-sottomissjoni tal-prosekuzzjoni, tappella kemm tappella ghalik, u taghmel sens mil-laboratorju logiku kemm tista' taghmel sens, illi ma nuzawx dak il-kriterju hawnhekk f'din l-Awla. Ma tistghux issibu htija fuq l-ewwel kap ghax tkunu sibtu biss htija fuq it-tieni kap. Jekk ghandkom mill-provi johorgu xi cirkustanzi, diretti jew indiretti, xi xhieda li jippruvaw li kien hemm dan it-tip ta' ftehim, ghal kull wiehed minnhom, separatament minn xulxin, biex tigi ttraffikata d-droga, allura l-akkuza tkun tirrizulta. Pero`jekk ma hemmx dawn il-provi, ma tistax tasal ghall-htija ta' l-ewwel kap ghax tkun sibt il-htija fit-tieni kap. U mhux qed nghidilkom tridu ssibu htija fit-tieni kap, ta! Dan ghall-grazzja ta' l-argument qed nghidu, biex ma tifhmunix hazin u xi hadd joqghod inizzel li qed nghid xi haga li mhux suppost."*

Fil-fehma ta' din il-Qorti din l-akkuza ma tirrizultax.

Fit-**tieni lok** l-imputat gie akkuzat talli ghandu l-licenzja mahruga taht l-Att dwar l-Armi u bhala negozjant naqas li jzomm registru b'inventarju ta' kull arma tan-nar u munizzjoni u ta' kull darba li jircievi jew inehhi, taht liema titolu li jkun, xi arma tan-nar jew munizjoni ghal liema raguni tkun, hu kien obbligat inizzel dan il-fatt bili jispecifikah. U dan skond l-Artikolu 5(2) , 15 u 20 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-prosekuzjoni issostni li din l-akkuza tirrizulta provata ghaliex Azzopardi biegh dawn l-iskratac permezz ta' telefonata ma' persuna li setgha kien Gharbi u thallas minghand persuna ohra minghajr ma ha qies l-obbligi tal-licenzja tieghu. Din tirrizulta ukoll mill-istqarrija tieghu stess li jghid li ma

zammx dettalji ta’ min hi l-persuna li xtara l-iskratac minghandu. Dwar dan pero’ jidher li l-prosekuzzjoni ghandha ragun tghid li l-imputat kiser il-kundizzjoni tal-licenzja tieghu u cioe’ li ma zammx l-isem, il-kunjom u n-numru ta’ l-identita’, xi jkun ix-xoghol tieghu u l-post tar-residenza tal-persuna li in effetti xtrat dawn l-iskratac minkejja li anke fil-klawsola numru 1 annessa mal-licenzja tieghu esebita a fol 146 huwa kellu dan l-bbligu u ghalhekk l-Qorti hija tal-fehma li l-imputat ghandu jinstab hati ta’ din l-akkuza.

**Fit-tielet lok** gie akkuzat talli bhala negozjant ttraseferixxa jew kkunsinna taht kwalunkwe titolu li jkun munizzjon lil xi persuna li ma kellhiex licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija. Il-prosekuzzjoni temmen li rrizulta mill-atti li l-imputat ttrasferixxa kwantita’ ta munizzjon lil persuna li ma kellhomx licenza mahruga mill-Kummissajru tal-Pulizija ghal dan il-ghan. Dan inghad fir-rigward ta’ Mark Agius u Arrust pero’ mill-atti processwali ma jirrizultax jekk in effetti dawn kellhomx licenzja jew le u ghalhekk dan ir-reat zgur li ma jistax jirrizulta.

**Fir-raba’ lok** l-imputat gie akkuzat talli hazen jew zamm ghandu ammont ta’ aktar minn tnax-il elf balla bhala munizzjon bi ksur tal-kundizzjoni tal-licenzja tieghu. Illi huwa minnu li meta l-imptuat tressaq il-Qorti il-massimu li seta’ izomm bhala munizzjon kienet ta’ tnax-il elf balla bhala munizzjon pero’ bl-introduzzjoni tal-Avviz Legali 206/2015 dan l-ammont gie rivedut u estiz ghall-ammont ta’ mitejn u hamsin elf balla bhala munizzjon. Dan l-Avviz Legali ghalkemm gie introdott wara li l-imputat tressaq il-Qorti japplika ghalih ukoll u ghalhekk ma jirrizultax li l-imptuat zamm xi munizzjon fil-pussess tieghu aktar minn dak permess mill-ligi.

**Fil-hames lok** l-imputat gie mressaq u akkuzat talli bhala cittadin Malti ghamel negozju ma' entitajiet inkorporati fil-Jamaharija Gharbija Libjana jew li jkun soggett ghall-gurisdizzjoni tal-Jamaharija Gharbija Libjana u persuni ohra li jagixxu f'isimhom jew fuq ordni taghhom u ma' entitajiet li jkunu jappartjenu lilhom jew huma kkontrollati minnhom meta seta' jkun jaf jew jissuspetta li dak in-negozju jista jikkontribwixxi ghal vjolenza u ghall-uzu tal-forza kontra l-popolazzjoni civili kif previst fl-Artikolu 6 tal-Kapitolu 365 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi pero' bir-rispett kollu l-prosekuzzjoni naqset bi kbir fir rigward ta' din l-akkuza u dan ghaliex fl-ewwel lok ma pprovatx li in effetti l-imputau kien jaf li l-oggetti kienu sejrin lejn il-Libja. Jinghad li n-negozju sar b'mod legittimu kontra VAT receipt min-naha tal-imputat. In oltre lanqas ma pprovat l-prosekuzzjoni li fil-Libya fil-prezent kien hemm xi gwerra. Ma hemm l-ebda nexus bejn l-imputat, il-persuna li bieghilha l-iskratac u l-Jamaharija Gharbija Libjana. F'dan ir-rigward il-prosekuzzjoni ma resqet l-ebda ombra ta' prova biex tissostanzja l-akkuza taghha. Lanqas ma jirrizulta mill-atti x'kien l-iskop ghal dan il-bejgh u cioe' jekk kienx ghal xi raguni ta' kacca jew ghal xi raguni ohra. Dan kollu kellu jsir mill-Prosekuzzjoni.

**Ghalhekk fid-dawl tas-susepost, il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 48A tal-Kapitolu 9, l-artikoli 5(2), 15, 20 u 51 (4) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, l-A.L. 206/2015 u l-Artikolu 34 (C) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 480.02, tiddikjara li ma ssibx lill-imputat MICHAEL AZZOPARDI hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu b'eccezzjoni ghat-tieni akkuza li qed issibu hati taghha.**

**Ghaldaqstant, filwaqt li tilliberah mill-akkuzi kollha salv ghat-tieni akkuza, tikkundannah multa ta' elf, mija u erbgħa u sittin ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbghat lir-Registratur tal-Qrati Kriminali sabiex jiehu hsieb jigbor il-multa inflitta.**

B'referenza ghat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex din il-Qorti tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-hatra tal-Esperti, il-Qorti tirrileva li l-akkuza li l-imputat instab hati taghha ma rrikjedietx il-hatra ta' esperti u li dawn gew nominati minhabba l-akkuzi l-ohra li minnhom l-imputat gie liberat, u ghaldaqstant mhix ser tilqa' t-talba tal-Prosekuzzjoni biex ihallas l-ispejjez tal-esperti.

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**